Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Marzu 2023**
**(OR. en)**

**6792/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0052(COD)**

**TRANS 72**
**JAI 207**
**DAPIX 1**
**ENFOPOL 81**
**CODEC 250**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 1 ta' Marzu 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 126 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta’ informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 126 final.

Mehmuż: COM(2023) 126 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.3.2023
COM(2023) 126 final

2023/0052 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2023) 351 final} - {SWD(2023) 126 final} - {SWD(2023) 127 final}

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Dan il-memorandum ta' spjegazzjoni qed jinhemeż mal-proposta għal direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413[1] li tiffaċilita l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva CBE").

Is-sikurezza fit-toroq tal-UE tjiebet b'mod pjuttost sinifikanti fl-aħħar 20 sena. L-għadd ta' mwiet fit-toroq naqas b'61,5% minn madwar 51 400 fl-2001 għal madwar 19 800 fl-2021. Madankollu, it-titjib fis-sikurezza fit-toroq ma kienx kbir biżżejjed biex tintlaħaq l-ambizzjoni politika tal-UE li l-għadd ta' mwiet fit-toroq jonqos b'50% bejn l-2001 u l-2010, u b'50% oħra bejn l-2011 u l-2020 (jiġifieri b'75% bejn l-2001 u l-2020), kif juru bosta dokumenti strateġiċi li ħarġet il-Kummissjoni fl-aħħar żewġ deċennji, bħall-*White Paper dwar il-Politika Ewropea tat-Trasport għall-2010*[2], jew il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msejħa *Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020*[3]. L-għadd irrapportat ta' madwar 18 800 mewta fit-toroq fl-2020 kien għadu ferm iżjed mill-mira minkejja tnaqqis annwali impressjonanti ta' aktar minn 17% inqas mill-għadd korrispondenti ta' mwiet fit-toroq għall-2019 li iżda kien influwenzat bil-kbir mit-tnaqqis bla preċedent fil-volumi tat-traffiku fit-toroq minħabba l-pandemija tal-COVID-19[4].

Fis-snin ta' qabel l-2020, ftit li xejn kien hemm tnaqqis fl-għadd ta' mwiet fit-toroq. Dan it-tnaqqis fir-ritmu, li kien diġà ġara bħalu qrib l-2014, wassal biex il-Ministri tat-Trasport tal-UE joħorġu dikjarazzjoni ministerjali dwar is-sikurezza fit-toroq waqt il-Kunsill informali tat-trasport fil-Belt Valletta f'Marzu 2017[5]. F'dik id-dikjarazzjoni, l-Istati Membri appellaw lill-Kummissjoni biex tesplora t-tisħiħ tal-qafas legali tal-Unjoni dwar is-sikurezza fit-toroq ħalli treġġa' lura dik ix-xejra staġnata.

F'Ġunju 2019, il-Kummissjoni ppubblikat il-*Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030 — Il-passi li jmiss lejn "Viżjoni Żero"*[6]. Fih il-Kummissjoni tipproponi miri *interim* ġodda biex l-għadd ta' mwiet u korrimenti serji jonqos b'50% bejn l-2020 u l-2030, kif irrakkomandat id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta. Il-Kummissjoni bbażat dak il-qafas ta' politika fuq l-hekk imsejjaħ "Approċċ ta' Sistema Sikura" li skontu, l-imwiet u l-korrimenti serji waqt il-ħabtiet fit-toroq huma fil-biċċa l-kbira evitabbli, għalkemm il-ħabtiet se jibqgħu iseħħu. L-infurzar transfruntier tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq hu wieħed mill-pilastri ewlenin tas-sistema għax dan inaqqas l-impunità tas-sewwieqa barranin. *L-Istrateġija tal-2020 għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti*[7] tistabbilixxi l-mira li sal-2050 l-għadd ta' mwiet mill-modi kollha tat-trasport fl-UE jonqos għal kważi żero, filwaqt li kienet ħabbret ir-reviżjoni tad-Direttiva CBE bħala parti mill-Inizjattiva Ewlenija 10 *"Titjib tas-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport"*. Sussegwentement, din l-inizjattiva ddaħħlet fl-Anness II

[1] ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9.
[2] COM(2001) 370 final
[3] COM(2010) 389 final
[4] Waqt l-ewwel lockdown f'April 2020, il-Kunsill Ewropew għas-Sikurezza tat-Trasport (ETSC) irrapporta tnaqqis ta' 70-85% fil-volumi tat-traffiku fil-bliet Ewropej ewlenin (https://etsc.eu/covid-19-huge-drop-in-traffic-in-europe-but-impact-on-road-deaths-unclear/)
[5] Ara https://eumos.eu/wp-content/uploads/2017/07/Valletta_Declaration_on_Improving_Road_Safety.pdf; f'Ġunju 2017, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar is-sikurezza fit-toroq li japprovaw id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta (ara d-dokument 9994/17).
[6] SWD(2019) 283 final
[7] COM(2020) 789 final

tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2022 (inizjattivi REFIT), taħt l-intestatura *"Spinta Ġdida għad-Demokrazija Ewropea"*[8].

B'mod mill-aktar importanti, f'Ottubru 2021 il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030[9]. Filwaqt li l-Parlament għaraf il-progress li sar, dan appella lill-Kummissjoni biex tirrieżamina d-Direttiva CBE, għax il-qafas eżistenti *"(...) ma jiżgurax b'mod adegwat l-investigazzjoni tar-reati biex jiġu infurzati l-penali (...)"*.

Din l-inizjattiva tibni fuq id-Direttiva CBE attwali li (1) tistabbilixxi l-iskambju elettroniku tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi bejn l-Istati Membri permezz ta' punti ta' kuntatt nazzjonali deżinjati, li jgħin biex jiġi identifikat is-sid/id-detentur tal-vettura rreġistrata barra mill-pajjiż li biha jkun twettaq ir-reat; (2) tispeċifika s-Sistema tal-Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (Eucaris) bħala l-pjattaforma tal-IT ppreferuta għall-iskambju elettroniku tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi; (3) ġiet applikata b'mod predominanti fil-prattika għall-każijiet transfruntieri meta r-reati jinqabdu mill-bogħod b'tagħmir tad-detezzjoni awtomatiku jew manwali, l-aktar bil-kameras (jiġifieri mingħajr ma titwaqqaf il-vettura u/jew mingħajr l-identifikazzjoni tas-sewwieq fuq il-post); (4) tkopri tmien reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq: is-sewqan b'veloċità eċċessiva, is-sewqan bla ċinturin tas-sikurezza, is-sewqan fuq id-dawl l-aħmar tat-traffiku, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, is-sewqan taħt l-influwenza tad-drogi, is-sewqan bla elmu protettiv, l-użu ta' karreġġata pprojbita, l-użu illegali tat-telefown ċellulari jew ta' xi apparat ieħor tal-komunikazzjoni waqt is-sewqan; (5) tiddetermina l-mod kif jenħtieġ li jiġi kkomunikat ir-reat lill-persuna kkonċernata, inkluż ir-reġim lingwistiku; tipprovdi wkoll mudell (mhux obbligatorju) għall-ittra informattiva li trid tintbagħat; (6) tqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini billi teżiġi li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-regoli tat-traffiku fis-seħħ b'rabta mas-sikurezza fit-toroq u jagħmluhom disponibbli fuq sit web bil-lingwi uffiċjali kollha[10].

Il-valutazzjoni tal-impatt[11] mehmuża mal-ewwel proposta għad-Direttiva CBE tal-2008 tistma li s-sewwieqa mhux residenti ammontaw għal madwar 5% tat-traffiku fit-toroq tal-UE (f'termini ta' kilometri ta' vetturi) iżda kienu wettqu madwar 15% tar-reati tal-veloċità eċċessiva. Għalhekk, dawn huma relattivament aktar probabbli li jwettqu reati tal-veloċità eċċessiva mis-sewwieqa residenti. Waħda mir-raġunijiet identifikati għal dan kienet li l-persuni mhux residenti ħasbu li kien inqas probabbli li jiġu sanzjonati meta jsuqu fi Stat Membru fejn ma kinux residenti, u li kien inqas probabbli li jiffaċċjaw azzjoni ġudizzjarja jekk ma jħallsux il-multi imposti mill-awtoritajiet barranin. Filwaqt li d-Direttiva CBE attwali kkontribwiet biex titneħħa l-*anonimità* tal-awturi barranin tar-reati għax l-għadd ta' każijiet transfruntieri investigati żdied b'mod impressjonanti, din għandha bosta limitazzjonijiet fosthom li l-effett deterrenti tagħha ma kienx biżżejjed biex titneħħa l-*impunità* tal-awturi tar-reati.

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tkompli ttejjeb is-sikurezza fit-toroq billi testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CBE għal reati tat-traffiku oħrajn relatati mas-sikurezza fit-toroq u tissimplifika, tiddiġitalizza u tirfina l-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq imwettqa barra mill-pajjiż, u b'hekk tiffaċilita l-infurzar transfruntier tas-

8 L-Inizjattiva Nru 26 fl-Anness II ta' COM(2021) 645 final
9 P9_TA(2021)0407 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0407_EN.pdf
10 Is-sit web tal-Kummissjoni "Going Abroad": https://ec.europa.eu/transport/road_safety/going_abroad/index_mt.htm
11 SEC(2008) 351.

sanzjonijiet. Għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sewwieqa mhux residenti. Jenħtieġ li jinħataf il-potenzjal kollu tad-Direttiva ħalli:

1. Tiżdied il-konformità tas-sewwieqa mhux residenti ma' regoli addizzjonali tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq: L-imġiba perikoluża għandha sehem fl-għadd kbir ta' mwiet u korrimenti serji fit-toroq. Għaldaqstant hu kruċjali li din l-imġiba perikoluża tiġi evitata billi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CBE jiġi estiż għal reati oħra relatati mas-sikurezza fit-toroq u b'hekk tonqos l-impunità. Meta l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jippenalizzaw b'mod effettiv lill-awturi tar-reati minn Stati Membri oħra biex jiżguraw trattament ugwali tas-sewwieqa residenti u mhux residenti, dan inaqqas serjament il-kredibbiltà tal-isforzi tal-infurzar.

2. Jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri fl-investigazzjoni transfruntiera tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq: L-evalwazzjoni tad-Direttiva CBE tal-2016[12] identifikat dawn ir-raġunijiet ewlenin li qed ixekklu l-applikazzjoni tal-ġustizzja għall-awturi tar-reati mhux residenti: (1) madwar nofs ir-reati tat-traffiku fit-toroq identifikati li wettqu l-persuni mhux residenti ma ġewx investigati; (2) madwar nofs il-penali finanzjarji għal dawk ir-reati tat-traffiku li ġew investigati ma ġewx infurzati kif xieraq; (3) kważi r-reati kollha meta l-awturi tar-reati rrifjutaw li jħallsu l-penali finanzjarji ma ġewx infurzati – il-penali infurzati kif xieraq kienu essenzjalment dovuti għall-pagamenti volontarji. Ir-raġunijiet ewlenin għan-nuqqasijiet identifikati kienu kumplessi, jieħdu ħafna ħin u għalhekk kellhom nuqqas ta' assistenza reċiproka u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u defiċjenzi fl-infurzar tas-sanzjonijiet wara l-iskambju tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, speċjalment meta jkunu japplikaw reġimi legali differenti ta' responsabbiltà.

3. Tiżdied il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-awturi tar-reati mhux residenti, inkluż l-allinjament ma' regoli ġodda tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali: Il-Kummissjoni rċeviet għadd ta' lmenti mingħand iċ-ċittadini dwar (in-nuqqas ta') rispett tad-drittijiet fundamentali, speċjalment fir-rigward tal-appelli kontra reati tat-traffiku allegatament imwettqa barra mill-pajjiż (b'mod partikolari li jargumentaw dwar informazzjoni nieqsa jew mhux ċara dwar il-proċeduri tal-appell), evidenza nieqsa, skadenzi differenti għall-persuni residenti u mhux residenti rigward il-konsenja tan-notifiki tal-penali/ittri informattivi, notifika inadegwata tad-dokumenti, inkluż nuqqas ta' traduzzjonijiet u problemi tal-aċċess għal informazzjoni speċifika dwar reati mwettqa u l-modi kif jitħallsu l-penali finanzjarji. Fl-aħħar nett, iżda mhux l-inqas, il-proposta tiżgura allinjament mal-liġi l-ġdida tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali[13], li fil-frattemp ġiet adottata.

Fil-Kapitlu 3 ta' dan il-memorandum ta' spjegazzjoni qed tingħata informazzjoni aktar dettaljata dwar kif l-inizjattiva tindirizza l-objettivi ta' hawn fuq u l-problemi relatati.

Biex ikun żgurat approċċ konsistenti fl-infurzar transfruntier tar-regoli tat-traffiku fit-toroq, ġie stabbilit pakkett ta' negozjar, li fih tliet inizjattivi – apparti din il-proposta għal direttiva li temenda d-Direttiva CBE, fiha wkoll proposta għal Direttiva ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan

---

[12] SWD(2016) 355 final

[13] Ir-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1) u d-Direttiva (UE) 2016/680 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (ĠU L 119, 4.5.2016, p.89).

(li tissostitwixxi d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan[14] (id-"Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan")) u proposta għal Direttiva ġdida tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eżekuzzjoni tal-iskwalifiki tas-sewqan b'effett fl-Unjoni kollha.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva CBE hi konsistenti mal-leġiżlazzjoni l-oħra tal-UE dwar is-sikurezza fit-toroq. Din (1) tirreferi għad-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni għall-vetturi[15] fejn tidħol il-klassifikazzjoni tal-elementi tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi; (2) testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CBE għar-reati tal-użu ta' vettura mgħobbija żżejjed, u b'hekk ikollha rabta mill-qrib mal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati ta' ċerti vetturi[16]; (3) tikkumplimenta d-Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan billi tippermetti l-użu tad-*data* personali fir-reġistri tal-liċenzji tas-sewqan għall-investigazzjonijiet transfruntieri tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, tinforma lill-awturi tar-reati dwar sanzjonijiet applikati li jaffettwaw id-dritt tagħhom tas-sewqan u tidentifika l-persuna responsabbli għal reati relatati mas-sikurezza fit-toroq.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Diġà hemm sett usa' ta' strumenti legali eżistenti u inizjattivi attwali fil-livell tal-Unjoni, speċjalment fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-ġustizzja, li jridu jitqiesu fir-rigward ta' din l-inizjattiva, fosthom il-proċeduri eżistenti tal-investigazzjonijiet transfruntieri skont il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[17], l-Ordni tal-Investigazzjoni Ewropea[18] u d-Deċiżjonijiet ta' Prüm li bħalissa qed jiġu riveduti[19]. Madankollu, din il-proposta tipprevedi proċeduri simplifikati u diġitalizzati speċifiċi li huma mmirati għall-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli għal reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq u għall-proċeduri tan-notifika tad-dokumenti, li jidderogaw mill-atti legali msemmija hawn fuq biex jiffaċilitaw miljuni ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq identifikati b'mod awtomatiku li ħafna drabi jiġu kkwalifikati bħala amministrattivi. Bħall-verżjoni attwali tad-Direttiva CBE, il-proposta tibqa' żżomm rabtiet sodi mad-Deċiżjoni Qafas 2005/214/ĠAI[20], jiġifieri meta ma jitħallsux il-penali finanzjarji. Din tippromwovi applikazzjoni effettiva tad-Deċiżjoni Qafas billi ttejjeb l-identifikazzjoni tal-persuni responsabbli għar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, u żżid il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sewwieqa mhux residenti.

Din il-proposta tirreferi wkoll għal (1) ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq

[14] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18
[15] ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57
[16] Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).
[17] L-Att tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 197, 12.7.2000, p. 1).
[18] Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).
[19] COM(2021) 784 final
[20] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji (ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16).

intern[21] biex ikunu żgurati l-effett legali u l-ammissibbiltà tal-ittra informattiva u tad-dokumenti ta' segwitu mibgħuta u riċevuti b'servizz elettroniku ta' konsenja reġistrat; (2) id-Direttiva 2010/64/UE dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali[22] biex tkun żgurata l-kwalità standard tat-traduzzjoni tal-ittra informattiva u tad-dokumenti ta' segwitu u biex ikun żgurat li l-proċedimenti kriminali li jitolbu garanziji speċifiċi għall-individwi kkonċernati, is-salvagwardji proċedurali għall-persuni suspettati u akkużati ma jiġux affettwati mill-implimentazzjoni tad-Direttiva CBE riveduta; (3) id-Direttiva (UE) 2022/2555 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha[23] biex ikun żgurat l-iskambju tal-informazzjoni dwar l-inċidenti taċ-ċibersigurtà rrappurtati, meta d-*data* personali pproċessata tkun maħżuna b'servizzi ta' clouds jew ta' hosting ta' clouds; (4) ir-Regolament (UE) 2018/1724 dwar gateway diġitali unika[24] biex tkun żgurata l-kompatibbiltà tal-portal diġitali apposta msemmi fil-Kapitolu 4 ta' dan il-memorandum ta' spjegazzjoni u tal-Portal "L-Ewropa Tiegħek" tal-Kummissjoni; (5) id-Direttivi 2012/13/UE[25], 2013/48/UE[26], (UE) 2016/343[27], (UE) 2016/800[28], (UE) 2016/1919[29] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex ikun żgurat li l-proċeduri kriminali li jitolbu garanziji speċifiċi għall-individwi kkonċernati, u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*[30], is-salvagwardji proċedurali għall-persuni suspettati u akkużati ma jiġux affettwati mill-implimentazzjoni tad-Direttiva CBE riveduta.

Kif imsemmi fl-objettivi ta' din l-inizjattiva, il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali ġiet riformata. B'mod partikolari, id-Direttiva (UE) 2016/680 (id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-*Data* – LED) ġiet adottata u daħlet fis-seħħ f'Mejju

---

[21] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

[22] Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

[23] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

[24] Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

[25] Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

[26] Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

[27] Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

[28] Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

[29] Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni suspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).

[30] Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

2016. L-Artikolu 62(6) tal-LED jeżiġi li sas-6 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni tirrieżamina l-atti legali l-oħra tal-UE li jirregolaw l-ipproċessar tad-*data* personali tal-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, biex tevalwa l-ħtieġa li tallinjahom mal-LED u, meta xieraq, tagħmel proposti biex temendahom ħalli tiżgura konsistenza fil-protezzjoni tad-*data* personali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-LED. Fl-2020, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tar-rieżami tagħha f'Komunikazzjoni[31], li tispeċifika għaxar atti legali, inkluż id-Direttiva CBE, li jenħtieġ li jiġu allinjati mal-LED u skeda taż-żmien biex dan isir. Għalhekk, din l-inizjattiva tiżgura allinjament mal-LED, b'mod notevoli billi tiċċara li l-LED tapplika għall-ipproċessar tad-*data* personali fil-kuntest tad-Direttiva CBE.

Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri eżistenti tal-investigazzjoni transfruntiera u s-soluzzjonijiet tal-IT previsti fil-proposta għal Regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri[32], li għandha l-għan li tiffaċilita t-twettiq tal-proċeduri u tnaqqas id-diffikultajiet prattiċi li jikkonċernaw l-aċċess effettiv u trasparenti tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi għall-ġustizzja, iridu jitqiesu fid-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri ta' segwitu skont din il-proposta permezz ta' atti ta' implimentazzjoni biex tkun żgurata l-kompatibbiltà tas-sistemi li jridu jiġu applikati. Is-soluzzjonijiet diġitali li jridu jiġu stabbiliti bl-atti ta' implimentazzjoni skont din il-proposta jenħtieġ li jiġu allinjati wkoll mar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà transfruntiera għas-servizzi pubbliċi diġitali stabbiliti fil-proposta għal Att dwar l-Ewropa Interoperabbli[33] li jsaħħaħ l-interoperabbiltà transfruntiera fis-settur pubbliku.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Id-Direttiva CBE oriġinarjament ġiet adottata fuq il-bażi ġuridika tal-Artikolu 87(2) tat-TFUE[34] – il-bażi ġuridika tal-kooperazzjoni tal-pulizija li ppermettiet lir-Renju Unit, lid-Danimarka u lill-Irlanda jagħżlu li ma japplikawx id-Direttiva. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Mejju 2014 fil-Kawża C-43/12[35] annullat din id-Direttiva, billi qieset li ma setgħetx tiġi adottata fuq il-bażi ġuridika tal-kooperazzjoni tal-pulizija, u li d-Direttiva kellha minflok tiġi adottata abbażi tal-Artikolu 91(1)(c) tat-TFUE, li huwa bażi ġuridika tat-trasport, kif propost oriġinarjament mill-Kummissjoni. Id-Direttiva l-ġdida u attwali ġiet adottata fl-11 ta' Marzu 2015 bil-bażi legali modifikata, mingħajr emenda għas-sustanza tad-Direttiva annullata u li tkopri lill-Istati Membri kollha.

Din il-proposta żżomm l-objettiv ewlieni tad-Direttiva CBE li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq. Il-kontenut tal-proposta la jikkontradixxi l-objettiv imsemmi hawn fuq u lanqas ma jmur lil hinn mill-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier tal-informazzjoni dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, meta dawn jitwettqu b'vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru fejn ikun seħħ ir-reat. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika tal-proposta tibqa' l-Artikolu 91(1)(c) tat-TFUE, li skontu *"(...) il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja (...), jistabbilixxu: (...) (c) miżuri li jtejbu s-sigurtà fit-trasport."*

---

[31] COM(2020) 262 final
[32] COM(2021) 759 final
[33] COM(2022) 720 final
[34] Id-Direttiva 2011/82/UE tiffaċilita l-iskambju transkonfinarju ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 288, 5.11.2011, p. 1).
[35] Il-Kawża C-43/12, ECLI:EU:C:2014:298

- **Sussidjarjetà**

It-tmiem tal-impunità tal-awturi tar-reati mhux residenti u l-iżgurar tat-trattament ugwali tal-utenti kollha fit-toroq tal-Unjoni kollha ma jistgħux ikunu effettivi jekk jiġu indirizzati b'modi differenti b'kompartimentalizzazzjoni nazzjonali jew reġjonali (bi ftehimiet multilaterali jew bilaterali). L-evalwazzjoni tal-funzjonament tad-Direttiva CBE kkonkludiet li biex jinkisbu l-istess riżultati bħal dawk tad-Direttiva jeħtieġ jiġu adottati aktar minn 300 ftehim bilaterali, u b'hekk jinħoloq ambjent legali mhux trasparenti, kumpless, potenzjalment inkonsistenti u kostineffettiv, li finalment joħloq kostijiet sinifikanti għall-amministrazzjonijiet nazzjonali. Mingħajr l-intervent fil-livell tal-UE, ikun hemm taħlita ta' regoli li ma jkunux effettivi biex tispiċċa l-impunità tal-awturi tar-reati mhux residenti u biex tinkiseb il-bidla fl-imġiba li twassal għal titjib fis-sikurezza fit-toroq. L-infurzar transfruntier tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq bilkemm jista' jinkiseb għax l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiżguraw l-assistenza reċiproka fil-proċeduri tal-investigazzjoni transfruntiera.

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-applikazzjoni tal-prattiki tal-infurzar mill-Istati Membri fit-territorju tagħhom stess titqies primarjament fil-kompetenza tagħhom stess. Din l-inizjattiva ma għandhiex l-għan li timponi rekwiżiti għall-infurzar tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq bħala tali. Din tiffoka biss fuq l-iffaċilitar tal-proċeduri tal-investigazzjoni transfruntiera, li l-Istati Membri ma jistgħux iwettqu waħedhom b'mod koerenti biex jiżguraw trattament ugwali tas-sewwieqa residenti u mhux residenti.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-miżuri f'din il-proposta ma jmorrux lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati – it-titjib tas-sikurezza fit-toroq (b'infurzar transfruntier aħjar tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq).

Il-proposta tindirizza l-ostakli eżistenti għal investigazzjoni transfruntiera effettiva tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sewwieqa mhux residenti waqt l-investigazzjoni. Il-proposta tistabbilixxi qafas legali u tekniku għal kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex tiġi identifikata l-persuna responsabbli għal reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq imwettaq barra mill-pajjiż, ħalli jkun żgurat it-trattament ugwali tas-sewwieqa. Għal dan il-għan, il-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva hu estiż għal seba' reati tat-traffiku addizzjonali relatati mas-sikurezza fit-toroq li jistgħu jiġu identifikati mill-bogħod, mingħajr ma titwaqqaf il-vettura u mingħajr l-identifikazzjoni tas-sewwieq fuq il-post, u li l-partijiet ikkonċernati jqisuhom l-aktar rilevanti biex tkompli titjieb is-sikurezza fit-toroq fl-UE.

Peress li r-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq jistgħu jiġu kklassifikati bħala amministrattivi jew kriminali, u għalhekk l-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu passi kontra dawn ir-reati jvarjaw, bħalma jvarja wkoll l-iskop segwit, l-ipproċessar tad-*data* personali jenħtieġ li jkun konformi mal-GDPR jew l-LED. Fl-immedjat, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jġarrbu xi kostijiet relatati mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IT meħtieġa mhux biss għall-iskambju u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, iżda anki għall-iskambju u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn dawn l-awtoritajiet u l-utenti tat-toroq. Madankollu, dawn il-kostijiet jitpaċew fuq medda itwal taż-żmien mill-benefiċċji miksuba b'kooperazzjoni u komunikazzjoni aħjar. Biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż tar-rappurtar regolatorju, il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-Direttiva CBE riveduta se jistrieħ kemm jista' jkun fuq il-mezzi u l-infrastruttura eżistenti tar-rappurtar tad-*data*, u fuq l-irkupru awtomatizzat tad-*data*. Għall-utenti tat-toroq, ir-rappreżentati tan-negozji

u ċ-ċittadini, il-proposta mistennija li tikseb tnaqqis fil-kostijiet tal-interazzjoni mal-amministrazzjonijiet pubbliċi.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta tkompli tissimplifika l-obbligi imposti fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri b'rabta mal-iskambju transfruntier tal-informazzjoni dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u tiżgura livell ogħla ta' armonizzazzjoni tagħhom. Fl-istess ħin, il-proposta għandha l-għan li tipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa lill-Istati Membri biex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali (bħall-possibbiltà li jiġu identifikati entitajiet essenzjali jew importanti oħra li jmorru lil hinn mill-miżuri proposti). Filwaqt li jitqies dan, u l-fatt li din tinkludi għadd ta' emendi għad-Direttiva CBE eżistenti, l-istrument legali futur jenħtieġ li għalhekk ikun Direttiva, biex jippermetti armonizzazzjoni mmirata u ċertu grad ta' flessibbiltà lill-awtoritajiet kompetenti. Peress li d-Direttiva emendata żżomm l-istruttura attwali tagħha u s-sustanza tagħha mhix affettwata, ma hemmx bżonn riformulazzjoni.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2016, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva CBE mill-Istati Membri[36] li tivvaluta r-rilevanza, il-valur miżjud tal-UE, il-koerenza, l-effettività u l-effiċjenza tagħha. Sussegwentement, il-Kummissjoni ppreżentat rapport ta' implimentazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill[37].

Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni huma dawn:

1. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CBE tqies xieraq għax ikopri l-aktar reati tat-traffiku importanti, jiġifieri l-każijiet meta l-vettura ma jkollhiex għalfejn titwaqqaf biex jiġi identifikat ir-reat. L-evalwazzjoni kkonkludiet ukoll li jaf ikun utli li tiġi kkunsidrata l-inklużjoni ta' reati addizzjonali relatati mas-sikurezza fit-toroq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva li jipperikolaw is-sikurezza fit-toroq u li għalihom it-tagħmir tal-kontroll awtomatiku qed jintuża dejjem aktar, bħan-nuqqas taż-żamma ta' distanza biżżejjed minn mal-vettura ta' quddiem, il-qbiż perikoluż u l-ipparkjar perikoluż;
2. Is-sistema tal-informazzjoni elettronika użata għall-iskambju tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi (Eucaris) ipprevediet skambju effettiv, rapidu, sigur u kunfidenzjali tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u ma toħloqx piż amministrattiv bla bżonn. Madankollu, is-sistema ma ntużatx bil-potenzjal kollu tagħha. Fl-2015 ma ġewx investigati madwar 50% tar-reati tat-traffiku fit-toroq identifikati li wettqu l-persuni mhux residenti;
3. La setgħet tiġi stabbilita korrelazzjoni ċara bejn id-Direttiva CBE u l-konformità tal-utenti tat-toroq mhux residenti mar-regoli tat-traffiku fit-toroq fis-seħħ, u lanqas ma setgħet tingħata evidenza ċara tal-impatt pożittiv tad-Direttiva fuq is-sikurezza fit-toroq;

[36] SWD(2016) 355 final; l-evalwazzjoni kellha l-appoġġ ta' studju minn konsulenti esterni - Grimaldi Studio Legale (2016), ISBN 978-92-79-59136-5
[37] COM(2016) 744 final

4. Fir-rigward tal-koerenza esterna, l-evalwazzjoni kkonkludiet li d-Direttiva CBE kkontribwiet għal qafas legali tal-UE aktar konsistenti dwar is-sikurezza fit-toroq billi tikkumplimenta strumenti oħra, bħad-Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan. L-analiżi tal-koerenza interna sabet li ż-żewġ objettivi speċifiċi tad-Direttiva CBE — li tiffaċilita l-infurzar tar-regoli tat-traffiku fit-toroq permezz tal-iskambju transfruntier tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u li żżid l-għarfien taċ-ċittadini dwar ir-regoli tat-traffiku fit-toroq fis-seħħ — jikkumplimentaw bis-sħiħ lil xulxin.

5. Il-potenzjal tad-Direttiva CBE li ttejjeb is-sikurezza fit-toroq jista' jiġi sfruttat aktar. Madwar 50% tar-reati tat-traffiku fit-toroq identifikati li wettqu l-persuni mhux residenti ma ġewx infurzati kif xieraq. Dan ġara minħabba nuqqas ta' assistenza reċiproka u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku wara l-iskambju tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, jew għax id-deċiżjonijiet li ħadu l-Istati Membri meta ma tħallsux il-penali finanzjarji għal dawn ir-reati ħafna drabi ma kinux jaqgħu taħt id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI. Jidher li l-proċeduri li japplikaw f'każijiet transfruntieri ta' nuqqas ta' ħlas tal-penali finanzjarji ma kinux adattati għas-sitwazzjoni li kull sena kellhom jiġu identifikati miljuni ta' reati tat-traffiku koperti mid-Direttiva CBE.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni kkuntrattat lil konsorzju magħmul mill-kumpaniji Ecorys, Wavestone u Grimaldi biex tappoġġa l-Valutazzjoni tal-Impatt tar-reviżjoni tad-Direttiva CBE[38]. Il-kuntrattur ikkuntattja lill-partijiet ikkonċernati affettwati direttament mid-Direttiva permezz ta' stħarriġiet u sessjonijiet ta' ħidma mmirati. Ġew ikkonsultati firxa wiesgħa ta' esperti mhux biss fil-qasam tat-trasport, iżda anki f'oqsma oħra ta' politika bħall-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-ġustizzja. Il-kuntrattur wettaq ukoll analiżi legali dwar (1) l-assistenza reċiproka u l-proċeduri tar-rikonoxximent fl-investigazzjoni transfruntiera tar-reati tat-traffiku fit-toroq; (2) l-użu tal-Eucaris; (3) l-infurzar transfruntier tal-iskwalifiki tas-sewqan; (3) il-bażi ġuridika xierqa fid-dawl tal-possibbiltà ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva riveduta għal reati oħra tat-traffiku, inkluż il-ksur tar-Regolamenti dwar l-Aċċess għall-Vetturi Urbani (UVARs); (4) ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali; (5) sanzjonijiet speċifiċi bħall-konfiska/detenzjoni tal-vetturi u l-applikazzjoni ta' garanziji kollaterali, jiġifieri l-prattika ta' mirhun ta' kollateral bħala garanzija għall-ħlas lura tal-penali finanzjarji imposti għar-reati tat-traffiku fit-toroq. Saret ukoll analiżi teknika dwar id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji tal-UE u dwar soluzzjonijiet diġitali/tal-IT adegwati għad-Direttiva riveduta.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-konsultazzjonijiet saru bl-objettiv li jiġi vvalidat il-fehim tal-Kummissjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar il-kwistjonijiet inkwistjoni u b'mod partikolari biex jinkisbu l-fehmiet dwar l-abbozzi tal-miżuri ta' politika. Il-konsultazzjonijiet kisbu wkoll evidenza dwar il-kostijiet u l-benefiċċji mistennija tal-abbozzi tal-miżuri ta' politika. Dawn għenu biex jingħarfu lakuni fil-loġika tal-intervent jew f'oqsma li jeħtieġu aktar attenzjoni. Il-konsultazzjoni pubblika dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Inizjali, il-konsultazzjonijiet immirati u l-konsultazzjoni pubblika miftuħa kellhom l-għan li jiksbu l-informazzjoni u l-opinjonijiet dwar l-elementi li ġejjin tal-valutazzjoni tal-impatt: (1) id-definizzjoni tal-problema, inkluż il-fatturi ewlenin tal-problemi u l-objettivi ta' politika rispettivi; (2) l-ambitu tar-reviżjoni; (3) miżuri u alternattivi ta' politika possibbli u l-impatti probabbli tagħhom, inkluż fuq is-sussidjarjetà u d-dimensjoni

[38] Studju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, il-konsorzju ECORYS (2023), MOVE/C2/SER/2019-425/SI2.819667.

tal-UE; (4) l-ambitu tal-iffrankar fl-effiċjenza (b'mod partikolari t-tnaqqis tal-kostijiet regolatorji) u l-miżuri ta' simplifikazzjoni.

Ġew ikkonsultati firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, fosthom (1) awtoritajiet tal-gvern ċentrali (ministeri tat-trasport, ministeri tal-intern u l-ġustizzja, aġenziji statali deċentralizzati); (2) awtoritajiet tal-gvern lokali (muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom eż. POLIS u EUROCITIES); (3) organizzazzjonijiet tar-riċerka u NGOs tas-sikurezza fit-toroq (eż. l-istitut VIAS, ETSC, FERSI/SWOV); (4) organizzazzjonijiet tan-networks tal-pulizija (eż. ROADPOL); (5) organizzazzjonijiet tal-utenti tat-toroq, assoċjazzjonijiet tan-negozju u tat-trasport bit-triq (eż. ADAC, FIA, IRU, UICR, TLN, CORTE, Leaseurope).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Kif deskritt fil-Valutazzjoni tal-Impatt Inizjali[39], ġew analizzati l-impatti li ġejjin ta' din l-inizjattiva: (1) l-impatti ekonomiċi – *l-impatti fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi, is-settur privat (eż. il-kumpaniji tal-lokazzjoni), l-SMEs, l-utenti tat-toroq, il-funzjonament tas-suq intern u l-kompetizzjoni*; (2) l-impatti soċjali – *l-impatti fuq is-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali*; (3) l-impatti ambjentali – *l-impatti fuq il-konformità mar-regoli tat-traffiku fit-toroq fis-seħħ, speċjalment mal-limiti tal-veloċità applikabbli*. Ix-xenarju bażi ("ma jsir xejn") li miegħu ġew ivvalutati l-impatti ta' kull alternattiva ta' politika identifikata, hu mibni fuq ix-Xenarju ta' Referenza tal-UE tal-2020 (REF2020) bħala l-punt tat-tluq għall-valutazzjoni, li jqis l-impatti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tat-trasport.

Ma' din il-proposta għal emenda tad-Direttiva CBE qed jinhemeż rapport ta' valutazzjoni tal-impatt, li abbozz tiegħu ġie ppreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) fit-22 ta' Ġunju 2022. Fit-22 ta' Lulju 2022, l-RSB ħareġ opinjoni pożittiva b'riżervi[40]. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie aġġustat kif xieraq biex jindirizza mhux biss ir-riżervi, iżda anki l-kummenti aktar dettaljati tal-RSB. Fit-Taqsima 5 hemm ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-alternattivi ta' politika, u fit-Taqsima 6 hemm analiżi komprensiva tal-impatti tal-alternattivi kollha. L-alternattivi ta' politika analizzati jistgħu jitqassru kif ġej:

1. Alternattiva ta' Politika 1: Din hija l-Alternattiva ta' Politika bażika li tinkludi 11-il miżura ta' politika miżmuma (minn 16), li huma komuni għall-alternattivi ta' politika kollha. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CBE jiġi estiż biex jinkludi reati oħra tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq li jistgħu jiġu identifikati mill-bogħod bit-tagħmir tal-kontroll awtomatiku bħan-*nuqqas taż-żamma ta' distanza biżżejjed minn mal-vettura ta' quddiem, il-qbiż perikoluż, l-ipparkjar perikoluż, il-qsim ta' linja bajda solida waħda jew aktar, is-sewqan fid-direzzjoni żbaljata jew in-nuqqas ta' rispett tar-regoli dwar il-ħolqien u l-użu tal-kurituri ta' emerġenza, u l-użu ta' vettura mgħobbija żżejjed*. Dan iżid l-effettività tad-Direttiva attwali għax itejjeb l-iskambju tal-informazzjoni eżistenti u jindirizza l-kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-awturi tar-reati mhux residenti waqt l-investigazzjoni, inkluż il-protezzjoni tad-*data* personali, kif appoġġat mill-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati. Skont din l-alternattiva, l-informazzjoni fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi dwar id-detentur/utent preċedenti tal-vettura jkollha tinżamm għal ċertu perjodu taż-żmien u tiġi skambjata jekk tkun disponibbli. Meta vettura

39 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/2131-Cross-border-enforcement-of-road-traffic-rules_mt
40 RSB/RM/cdd - rsb(2022)5013941

tkun ġiet mikrija (jew soġġetta għal kera fit-tul), l-informazzjoni dwar l-utent reali tal-vettura tiġi skambjata jekk tkun disponibbli fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi. L-awtoritajiet tal-infurzar jitħallew jużaw mhux biss ir-reġistri tal-vetturi, iżda wkoll reġistri oħra bħar-reġistri nazzjonali tal-liċenzji tas-sewqan, preferibbilment b'sistema elettronika unika, meta meħtieġ għall-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli għal reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq.

2. Alternattivi ta' Politika 2 u 2A: Dawn l-alternattivi jinkludu l-elementi kollha tal-Alternattiva ta' Politika 1 u barra minn hekk jipprevedu l-istabbiliment ta' proċeduri transfruntieri ta' segwitu tal-investigazzjoni mfassla apposta, inkluż portal tal-IT[41] apposta għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet/organizzazzjonijiet governattivi, in-negozji u ċ-ċittadini, u preferibbilment pjattaforma/i deċentralizzata/i[42] għal interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali/servizzi tal-IT back-end tal-iskambju transfruntier tal-informazzjoni permezz ta' punti tal-kuntatt deżinjati. Il-possibbiltà li jiġi applikat id-dmir tas-sid/id-detentur tal-vettura li jikkoopera mal-awtoritajiet fl-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, introdotta fl-Alternattiva ta' Politika 2A, tissimplifika l-proċeduri transfruntieri tal-investigazzjoni u tkun mistennija żżid ir-rata tal-investigazzjonijiet b'suċċess fl-Istati Membri li japplikaw reġimi tar-responsabbiltà legali tas-sewwieqa. Uħud mill-Istati Membri diġà jħaddmu dan l-approċċ, pereżempju skont il-Ftehim CBE tal-Forum ta' Salzburg[43].

3. Alternattivi ta' Politika 3 u 3A: Dawn l-alternattivi jibnu fuq l-Alternattiva ta' Politika 2A u barra minn hekk jistabbilixxu proċeduri ta' segwitu mfassla apposta għar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet (finali) dwar il-penali finanzjarji maħruġa fir-rigward tar-reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CBE. L-Alternattiva ta' Politika 3 tipprovdi wkoll standards proċedurali speċifiċi u garanziji li jridu jiġu ssodisfati meta l-penali finanzjarji jiġu infurzati barra mill-pajjiż. L-Alternattiva ta' Politika 3A hi verżjoni estiża tal-Alternattiva ta' Politika 3 li tnaqqas ir-raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni relatata ma' penali finanzjarji maħruġin minn Stat Membru ieħor, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Qafas 2015/214/ĠAI.

B'mod ġenerali, l-analiżi tal-effiċjenza tal-miżuri proposti tissuġġerixxi li l-benefiċċji totali, li jvarjaw skont l-alternattiva ta' politika, minn EUR 1 259,2 miljun sa EUR 3 850,6 miljun,

---

41 Il-portal hu maħsub biex iservi bħala punt uniku ta' kuntatt (SPOC) jew punt ta' aċċess elettroniku uniku Ewropew għall-infurzar transfruntier tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq.

42 In-natura deċentralizzata tas-sistema tfisser li mhu se jkun hemm l-ebda ħżin tad-*data* jew ipproċessar tad-*data* mill-entità fdata bil-ġestjoni operazzjonali tal-komponenti tas-sistema. Skont jekk punt ta' aċċess għas-sistema jkunx jitħaddem minn istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-UE, jew fil-livell nazzjonali/internazzjonali, u skont liema awtoritajiet nazzjonali jkunu qed jipproċessaw id-*data* personali u għal liema finijiet, jiġi applikat ir-Regolament (UE) 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39); ir-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1); jew id-Direttiva (UE) 2016/680 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

43 Il-Ftehim CBE multilaterali tal-Forum ta' Salzburg iffirmawh il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Ungerija u l-Awstrija nhar il-11 ta' Ottubru 2012. Dan juża l-qafas stabbilit mid-Direttiva CBE u jinkludi wkoll il-kooperazzjoni fl-investigazzjoni transfruntiera tar-reati tat-traffiku fit-toroq: http://www.salzburgforum.org/Treaties_and_Agreement/CBE_Agreement.html

huma sostanzjalment akbar mill-kostijiet totali li jinbidlu bejn EUR 72,8 miljun u EUR 150 miljun, fi prezzijiet tal-2020. Filwaqt li t-titjib fl-investigazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri joħloq l-akbar kost, jiġifieri biex jintbagħtu ittri informattivi/notifiki tal-penali bil-posta rreġistrata, li għandha wkoll rabta stretta mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, il-valur tal-ħajjiet salvati jirrappreżenta l-benefiċċju ewlieni – jiġifieri l-impatti soċjali (kwantifikati) jipprevalu fuq dawk ekonomiċi b'mod pożittiv.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tikkonkludi li l-alternattiva ppreferuta hija l-Alternattiva ta' Politika 2A, li titqies effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika maħsuba, li tippreżenta benefiċċji netti kbar, li hija koerenti internament, proporzjonata b'rabta mal-objettivi tal-inizjattiva, filwaqt li tqis ir-regoli u l-proċeduri tal-Istati Membri, u b'mod ġenerali l-aħjar f'termini ta' fattibbiltà politika u legali. L-Alternattiva ta' Politika 2A tista' wkoll tiffaċilita b'mod sinifikanti l-proċeduri transfruntieri tal-investigazzjoni (u għaldaqstant l-infurzar transfruntier tal-penali finanzjarji) li jpaċu l-kwistjonijiet potenzjali mal-koerenza esterna. Din l-alternattiva ta' politika se timbotta l-konfini leġiżlattivi tal-UE 'l quddiem b'ambizzjoni moderata, u twitti t-triq għal reġim ta' responsabbiltà legali ġeneralment aċċettabbli u effettiv ħafna, applikabbli għar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq.

L-impatti soċjetali ewlenin tal-Alternattiva ta' Politika ppreferuta 2A huma dovuti għall-effett ta' deterrent tad-Direttiva CBE permezz ta' infurzar aħjar tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, u dawn ġew ivvalutati f'termini tal-impatti fuq is-sikurezza fit-toroq (speċifikament f'termini ta' ħajjiet salvati u korrimenti evitati). Hu stmat li bl-Alternattiva ta' Politika 2A jiġu salvati 384 ħajja u jiġu evitati 21,789 korriment tul il-perjodu 2025-2050, meta mqabbla max-xenarju bażi. F'termini monetarji, it-tnaqqis fil-kostijiet esterni tal-inċidenti hu stmat għal madwar EUR 2,8 biljun, espress bħala valur attwali tul il-perjodu 2025-2050 meta mqabbel max-xenarju bażi. Barra minn hekk, il-kumpaniji tal-lokazzjoni jistgħu jistennew iffrankar annwali ta' madwar EUR 7 miljun meta mqabbel max-xenarju bażi, espress bħala valur attwali tul il-perjodu ta' valutazzjoni 2025-2050, għax se jkollhom inqas piż amministrattiv meta l-identità tal-utent tal-vettura (il-lokatarju) tkun tista' tinkiseb direttament mid-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi.

L-Alternattiva ta' Politika 2A mistennija tkun effettiva fejn tidħol iż-żieda tas-sehem tar-reati investigati b'suċċess, u tiġġenera aktar kostijiet tal-infurzar għax jiżdiedu n-notifiki tal-penali maħruġa. Il-kostijiet addizzjonali tal-infurzar għall-awtoritajiet tal-Istati Membri huma stmati għal EUR 136,8 miljun meta mqabbla max-xenarju bażi, espressi bħala valur attwali tul il-perjodu 2025-2050. Dawn jinkludu l-kostijiet ta' aġġustament ta' darba ta' EUR 4,6 miljun għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri (eż. biex jadattaw is-sistemi tal-IT). Dawn il-kostijiet addizzjonali relattivament baxxi huma mistennija jinqabżu mid-dħul addizzjonali tal-ħlas tal-penali, iżda dawn l-impatti ma setgħux jiġu vvalutati. Barra minn hekk, il-kostijiet addizzjonali għall-Kummissjoni Ewropea (l-aktar biex taġġorna l-portal tal-informazzjoni) huma stmati għal EUR 1,5 miljun meta mqabbla max-xenarju bażi, espressi bħala valur attwali tul il-perjodu 2025-2050.

L-impatt ambjentali tal-alternattiva ta' politika ppreferuta għandu jkun wieħed kemxejn pożittiv. It-tneħħija tal-impunità tal-awturi tar-reati mhux residenti mistennija twassal għal imġiba aktar konformi mal-liġi mill-persuni mhux residenti li, fejn tidħol il-veloċità eċċessiva (li tirrappreżenta l-maġġoranza l-kbira tar-reati mwettqa bil-vetturi barranin) timmanifesta ruħha bi tnaqqis tal-veloċità medja, jiġifieri bi tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil u allura bi tnaqqis fl-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa u tas-$CO_2$. Maż-żmien, hekk kif jiżdied is-sehem tal-vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fil-flotta, it-titjib ambjentali bit-tnaqqis tal-veloċità medja mistenni jonqos fis-sinifikanza. B'mod ġenerali, l-impatt pożittiv fuq l-ambjent mhux mistenni li jkun sinifikanti iżda, fl-istess ħin, mhi mistennija l-ebda ħsara lill-ambjent.

L-inizjattiva tikkontribwixxi direttament għall-Għan tal-Iżvilupp Sostenibbli #11 tan-Nazzjonijiet Uniti li *"Il-bliet u l-insedjamenti umani jsiru inklużivi, sikuri, reżiljenti u sostenibbli"* u b'mod partikolari l-mira 11.2 *"Sal-2030, tipprovdi aċċess għal sistemi tat-trasport sikuri, affordabbli, aċċessibbli u sostenibbli għal kulħadd, ittejjeb is-sikurezza fit-toroq, b'mod partikolari billi tespandi t-trasport pubbliku, b'attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet ta' dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, in-nisa, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà u l-anzjani"*[44]. L-effett ta' deterrent tad-Direttiva CBE se jissaħħaħ għax din se ttejjeb l-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq imwettqa b'vetturi rreġistrati barra mill-pajjiż. Għaldaqstant, it-toroq tal-UE mistennija jsiru aktar sikuri għall-utenti kollha tat-toroq. L-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar ir-riskji tal-imġiba huwa element ewlieni tal-"Approċċ ta' Sistema Sikura" u prinċipju ewlieni tad-"Dikjarazzjoni ta' Stokkolma dwar is-sikurezza fit-toroq" tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2020[45].

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Bħala parti mill-Programm dwar l-Idoneità u l-Idoneità tar-Regolamentazzjoni (REFIT)[46], din il-proposta hija maħsuba biex tnaqqas il-kostijiet tal-infurzar tal-awtoritajiet tal-Istati Membri mġarrba bl-investigazzjoni transfruntiera tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq. Il-miżuri proposti jenħtieġ li jwasslu għal tnaqqis fil-ħin tal-investigazzjonijiet u fil-kostijiet relatati għal kull reat li jrid jinkiseb billi (1) jitjieb l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet, inkluż l-aċċess għar-reġistri u l-kontenut tagħhom; (2) il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' investigazzjoni transfruntiera mfassal apposta biex jiġi stabbilit aħjar min hu responsabbli personalment għal reat, inkluż id-dmir ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar fl-identifikazzjoni tal-awtur reali tar-reat, meta dan ikun possibbli. Il-proposta jenħtieġ li twassal għal tnaqqis fil-kostijiet tal-utenti tat-toroq minħabba l-kontenut imtejjeb tal-ittri informattivi/l-avviżi tal-penali u tal-komunikazzjoni ta' segwitu mal-awturi tar-reati (protezzjoni aħjar tad-drittijiet fundamentali). Barra minn hekk, hu previst tnaqqis fil-kostijiet amministrattivi tal-kumpaniji tal-lokazzjoni u l-kiri tal-karozzi għax se jkun permess l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni dwar l-utent reali tal-vettura (il-lokatarju).

L-inizjattiva tinkludi l-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku"[47] għax trawwem it-trasformazzjoni diġitali, meta possibbli. Pereżempju, tipproponi proċeduri ta' segwitu diġitalizzati relatati mal-infurzar transfruntier tas-sanzjonijiet għar-reati koperti mid-Direttiva CBE, inkluż l-introduzzjoni ta' formoli diġitali standardizzati tradotti bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE li jissimplifikaw l-iskambju tagħhom.

- **Applikazzjoni tal-approċċ "one in, one out"**

L-approċċ "one-in, one out" jikkonsisti fit-*tpaċija ta' kwalunkwe piż ġdid għaċ-ċittadini u n-negozji li jirriżulta mill-proposti tal-Kummissjoni billi jitneħħa piż eżistenti ekwivalenti fl-istess qasam ta' politika*. Kif spjegat fil-paragrafu ta' hawn fuq, din il-proposta jenħtieġ li twassal għal tnaqqis fil-kostijiet amministrattivi tas-settur privat – il-kumpaniji tal-lokazzjoni jew tal-kiri tal-karozzi – li hu stmat għal EUR 0,435 miljun fl-2030 u EUR 0,275 miljun fl-2050, meta mqabbla max-xenarju bażi. L-iffrankar tal-kostijiet amministrattivi għal kull kumpanija jammonta għal madwar EUR 202 fl-2030 u EUR 128 fl-2050. Espress bħala valur

---

44 https://sdgs.un.org/goals/goal11

45 https://www.roadsafetysweden.com/contentassets/b37f0951c837443eb9661668d5be439e/stockholm-declaration-english.pdf

46 Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2022, l-Anness II (inizjattivi REFIT), bit-titlu "*Spinta Ġdida għad-Demokrazija Ewropea*"

47 COM(2021) 118.

attwali, bejn l-2025 u l-2050, l-iffrankar tal-kostijiet amministrattivi hu stmat għal total ta' madwar EUR 7 miljun.

- **Drittijiet fundamentali**

Wieħed mill-objettivi speċifiċi ta' din il-proposta hu li tiżdied il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sewwieqa mhux residenti. B'infurzar imtejjeb, permezz tal-iskambju transfruntier tal-informazzjoni dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, ikun żgurat it-trattament ugwali tas-sewwieqa residenti u mhux residenti u l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tagħhom għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għal difiża. Dan jenħtieġ li jinkiseb billi (1) tkun tista' ssir il-verifika tal-awtentiċità tal-ittri informattivi u tad-dokumenti ta' segwitu; (2) jiġu stabbiliti limiti taż-żmien armonizzati biex jintbagħtu l-ittri informattivi u d-dokumenti ta' segwitu; (3) jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi obbligatorji għall-informazzjoni li trid tiġi kondiviża mal-persuni preżunti responsabbli; (4) ikun żgurat reġim lingwistiku konsistenti sal-istadju tal-appell quddiem qorti; u (5) ikun żgurat li ċ-ċittadini jirċievu aktar informazzjoni fl-ittri informattivi/notifiki tal-penali eż. dwar il-proċeduri tal-appell applikabbli u l-metodi tal-ħlas tal-multi.

Din il-proposta tipprevedi wkoll l-allinjament tad-Direttiva CBE mar-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. Għalhekk, jiġu stabbiliti salvagwardji xierqa biex ikun żgurat li d-Direttiva tirrispetta bis-sħiħ l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-qafas legali applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* se jiġi kkonsultat.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implimentazzjoni tal-proposta teħtieġ l-istabbiliment u l-manutenzjoni ta' sistema ġdida tal-IT. Din is-sistema jenħtieġ li tikkollega n-networks eżistenti tas-sistemi nazzjonali tal-IT u tal-punti tal-aċċess interoperabbli, li joperaw fir-responsabbiltà u l-ġestjoni individwali ta' kull Stat Membru, biex tiżgura skambju transfruntier sigur u affidabbli tal-informazzjoni dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq. Il-Kummissjoni se tiddefinixxi soluzzjonijiet xierqa tal-IT f'atti ta' implimentazzjoni, inkluż id-disinn/l-arkitettura u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal portal diġitali apposta u sistemi elettroniċi (pjattaforma/i interfaċċa) li jinterkollegaw is-sistemi nazzjonali għall-iskambju tal-informazzjoni, u li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw. Se tiżgura li s-soluzzjonijiet proposti kollha ssirilhom valutazzjoni tal-interoperabbiltà abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3 tal-proposta għal Att dwar l-Ewropa Interoperabbli. L-atti ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jkunu jirriflettu dan li ġej:

1. speċifikazzjonijiet tekniċi li jiddefinixxu l-metodi tal-komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi, inkluż protokolli tal-komunikazzjoni;
2. miri tas-sigurtà tal-informazzjoni u miżuri rilevanti li jiżguraw l-istandards minimi tas-sigurtà tal-informazzjoni u livell għoli taċ-ċibersigurtà għall-ipproċessar u l-komunikazzjoni;
3. miri minimi tad-disponibbiltà u rekwiżiti tekniċi relatati għas-servizzi pprovduti.

Il-kostijiet ta' darba fl-2025 u l-kostijiet kontinwi tal-aġġustament tal-Kummissjoni sal-2050 relatati l-aktar mal-istabbiliment tas-sistema tal-IT li tappoġġa l-interazzjonijiet bejn l-awtoritajiet/l-organizzazzjonijiet governattivi, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi fil-proċedimenti amministrattivi u kriminali transfruntieri huma stmati għal EUR 1,531 miljun. Il-kostijiet tal-Istati Membri huma kkunsidrati pjuttost limitati. L-Istati Membri mistennija jġarrbu dawn il-kostijiet mill-baġits nazzjonali tagħhom; jistgħu japplikaw ukoll għall-appoġġ finanzjarju tal-

UE fil-programmi ta' finanzjament rilevanti, bħall-programm Ġustizzja[48] u l-istrumenti tal-Politika ta' Koeżjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni, programm ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, u rieżami mmirat**

L-istrumenti tal-monitoraġġ stabbiliti jkomplu japplikaw biex isegwu s-sehem tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq investigati b'suċċess tul iż-żmien. Ir-rapportar jinkludi l-għadd ta' talbiet maħruġa/interni awtomatizzati mwettqa mill-Istat Membru tar-reat u indirizzati lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, flimkien mat-tip ta' reati li għalihom ikunu se jsiru t-talbiet u l-għadd ta' talbiet li fallew. Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jipprovdu indikaturi kwantitattivi addizzjonali, pereżempju dwar ir-reati tat-traffiku rreġistrati relatati mas-sikurezza fit-toroq li jiġu identifikati awtomatikament jew mingħajr l-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli fuq il-post u mwettqa b'vetturi rreġistrati fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru fejn ikun seħħ ir-reat, jew dwar l-għadd tal-penali finanzjarji mħallsa volontarjament mill-persuni mhux residenti.

Il-perjodu l-ġdid tar-rappurtar tal-Istati Membri hu estiż minn sentejn għal erba' snin, biex jiġi allinjat mal-kalendarju tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u jonqos il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet nazzjonali. Il-Kummissjoni se tinforma lill-Istati Membri dwar il-kontenut tar-rapporti ppreżentati ladarba dawn jiġu vvalutati. Il-pjattaforma/i tal-IT huma maħsubin biex jiffaċilitaw il-kompilazzjoni awtomatika tad-*data* skont karatteristiċi speċifiċi tar-rappurtar. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni u l-effettività tal-applikazzjoni ta' din l-inizjattiva permezz ta' għadd ta' azzjonijiet u sett ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) li jkejlu l-progress lejn il-kisba tal-objettivi operazzjonali. Ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni se jwettqu evalwazzjoni biex jivverifikaw sa liema punt intlaħqu l-objettivi tal-inizjattiva.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta għad-Direttiva CBE riveduta hi strutturata fuq it-tliet objettivi ta' politika ewlenin imsemmija fil-Kapitolu 1 ta' dan il-memorandum ta' spjegazzjoni, ilkoll relatati ma' xulxin u jaqdu l-għan li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq fl-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet ewlenin li jbiddlu d-Direttiva b'mod sostanzjali jew iżidu elementi ġodda huma dawn li ġejjin:

L-Artikolu 1(1) jemenda l-Artikolu 2 tad-Direttiva CBE billi jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal reati oħra tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, jiġifieri: (1) in-nuqqas taż-żamma ta' distanza biżżejjed minn mal-vettura ta' quddiem; (2) il-qbiż perikoluż; (3) l-ipparkjar perikoluż; (4) il-qsim ta' linja bajda solida waħda jew aktar; (5) is-sewqan fid-direzzjoni żbaljata; (6) in-nuqqas ta' rispett tar-regoli dwar il-ħolqien u l-użu tal-kurituri ta' emerġenza; u (7) l-użu ta' vettura mgħobbija żżejjed. Jiċċara wkoll ir-relazzjoni bejn id-Direttiva CBE u l-qafas legali diġà eżistenti tal-UE dwar ċerti drittijiet u obbligi tal-Istati Membri, bħad-Direttiva 2014/41/UE, il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI u l-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-persuni suspettati u akkużati.

L-Artikolu 1(2) jemenda l-Artikolu 3 tad-Direttiva CBE billi jkompli jiċċara d-definizzjonijiet eżistenti u jżid id-definizzjonijiet tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq li għadhom kif ġew inklużi.

[48] https://commission.europa.eu/funding-tenders/find-funding/eu-funding-programmes/justice-programme_en

L-Artikolu 1(3) idaħħal Artikolu 3a ġdid dwar ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-punti ta' kuntatt nazzjonali. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali tal-Istati Membri qed jintalbu jikkooperaw ma' awtoritajiet oħra involuti fl-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CBE, irrispettivament min-natura tar-reat jew mill-istatus legali tal-awtorità. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jiskambjaw l-informazzjoni skont id-Direttiva permezz ta' sistema unika.

L-Artikolu 1(4) jissostitwixxi l-Artikolu 4 tad-Direttiva CBE. Jistabbilixxi li l-iskambju tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi ("VRD") jenħtieġ li jsir b'sistema elettronika unika – is-Sistema tal-Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (Eucaris) – biex ikun żgurat l-iskambju rapidu, kosteffiċjenti, sigur u affidabbli ta' VRD speċifika bejn l-Istati Membri. Jistabbilixxi wkoll li l-Istati Membri jistgħu jwettqu tfittxijiet awtomatizzati fir-reġistri tal-vetturi f'konformità mal-proċeduri eżistenti, inkluż l-użu tal-applikazzjoni tas-software, sakemm il-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-proċeduri għal dawn it-tfittxijiet. L-Istati Membri huma meħtieġa wkoll li jżommu ċerta VRD disponibbli u aġġornata. Meta vettura tkun bil-kiri (jew soġġetta għal arranġament ta' kiri fit-tul), l-Istati Membri jistgħu jwettqu tfittxijiet awtomatizzati fir-reġistri tal-vetturi biex jiksbu d-*data* dwar l-utenti finali tal-vetturi, meta disponibbli. Jiġi stabbilit perjodu għaż-żamma tad-*data* fir-rigward tal-identità tas-sidien, id-detenturi u l-utenti finali preċedenti tal-vetturi biex l-awtoritajiet ikollhom l-informazzjoni xierqa li jeħtieġu għall-investigazzjoni tar-reati.

L-Artikolu 1(5) idaħħal:

- Artikolu 4a ġdid dwar il-proċeduri tal-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri fl-investigazzjonijiet transfruntieri tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq. Dan jistabbilixxi li l-Istati Membri jridu jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin meta, abbażi tar-riżultati tat-tiftix awtomatizzat imwettaq, l-Istat Membru fejn ikun twettaq ir-reat ma jkunx jista' jidentifika sew lill-persuna responsabbli għal reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq. Il-proċeduri tal-assistenza reċiproka se jiġu diġitalizzati f'konformità ma' att ta' implimentazzjoni. Qed jiġu identifikati wkoll ir-raġunijiet li għalihom l-għoti tal-assistenza reċiproka għall-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli jista' jiġi rrifjutat mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew mill-Istat Membru tar-residenza, b'mod partikolari biex ikun evitat li tiġi żvelata l-identità ta' persuni protetti;
- Artikolu 4b ġdid dwar l-applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli. Dan jistabbilixxi li l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-miżuri nazzjonali tagħhom għall-persuni mhux residenti, b'mod partikolari d-dmir tal-persuni preżunti responsabbli li jikkooperaw mal-awtoritajiet tagħhom fl-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli; u
- Artikolu 4c ġdid dwar l-użu ta' bażijiet tad-*data* oħra fl-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq. Dan jistabbilixxi li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri jistgħu jużaw mhux biss ir-reġistri tal-vetturi, iżda anki reġistri oħra bħar-reġistri nazzjonali tal-liċenzji tas-sewqan jew ir-reġistri tal-popolazzjoni, diment li dan l-użu jkun permess b'mod espliċitu skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

L-Artikolu 1(6) jissostitwixxi l-Artikolu 5 tad-Direttiva CBE. Dan jispeċifika l-kontenut minimu tal-ittra informattiva li jrid jinkludi, b'mod partikolari, l-informazzjoni dwar ir-reat imwettaq, is-sanzjonijiet imposti, il-proċeduri tal-appell, il-ħlas tal-penali finanzjarji – inkluż il-miżuri ta' mitigazzjoni –, ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*, u jekk applikabbli, informazzjoni dwar l-entità awtorizzata minn Stat Membru biex tiġbor il-penali finanzjarji li tkun bagħtet l-ittra informattiva.

L-Artikolu 1(7) idaħħal:

- Artikolu 5a ġdid dwar in-notifika tal-ittra informattiva u d-dokumenti ta' segwitu. Dan jistabbilixxi r-reġim lingwistiku għall-komunikazzjoni bejn il-persuni preżunti responsabbli u l-awtoritajiet tal-Istati Membri, li jrid jiġi applikat sal-istadju tal-appell quddiem qorti, u l-limiti taż-żmien armonizzati biex jintbagħtu dawn id-dokumenti. Meta d-dokumenti ma jkunux jistgħu jitwasslu b'konsenja reġistrata jew b'mezzi elettroniċi tal-istess valur, iridu jiġu stabbiliti proċeduri speċifiċi ta' assistenza reċiproka għal notifika transfruntiera tad-dokumenti. Il-proċeduri se jiġu diġitalizzati f'konformità ma' att ta' implimentazzjoni;
- Artikolu 5b ġdid dwar il-pretensjonijiet finanzjarji tal-entitajiet privati jew pubbliċi mogħtija s-setgħa mill-Istati Membri biex jamministraw il-proċedimenti ta' segwitu. Dan jistabbilixxi li l-persuni preżunti responsabbli mhux se jintalbu jħallsu l-ispejjeż legali u amministrattivi relatati mal-amministrazzjoni tal-penali meta din l-amministrazzjoni tiġi esternalizzata lill-kolletturi tad-dejn. Madankollu, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jimponu tariffi amministrattivi proporzjonati.

L-Artikolu 1(8) jissostitwixxi:

- l-Artikolu 6 tad-Direttiva CBE. Dan jestendi l-perjodu tar-rappurtar tal-Istati Membri għal erba' snin, u jallinjah mal-kalendarju ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni. L-Istati Membri jridu jipprovdu indikaturi kwantitattivi addizzjonali, pereżempju dwar ir-reati tat-traffiku rreġistrati relatati mas-sikurezza fit-toroq li jitwettqu b'vetturi rreġistrati fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru fejn ikun seħħ ir-reat, jew dwar l-għadd tal-penali finanzjarji mħallsa volontarjament mill-persuni mhux residenti. Il-Kummissjoni trid tinforma lill-Istati Membri dwar il-kontenut tar-rapporti ppreżentati ladarba dawn jiġu vvalutati;

  l-Artikolu 7 tad-Direttiva CBE. L-Istati Membri jridu jinfurmaw lil xulxin dwar l-inċidenti taċ-ċibersigurtà relatati ma' *data* personali maħżuna fi clouds;
- l-Artikolu 8 tad-Direttiva CBE. Dan jistabbilixxi l-obbligu għall-Kummissjoni li tistabbilixxi portal tal-IT apposta biex tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali, awtoritajiet rilevanti oħra tal-Istati Membri u l-utenti tat-toroq, eż. dwar ir-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq fis-seħħ fl-Istati Membri, il-proċeduri tal-appell u s-sanzjonijiet applikati. Il-portal se jiffaċilita wkoll il-verifika tal-awtentiċità tal-ittri informattivi u tad-dokumenti ta' segwitu. L-informazzjoni skambjata tista' tinkludi *data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u *data* dwar il-persuni preżunti responsabbli jew responsabbli għal reati relatati mas-sikurezza fit-toroq.

L-Artikolu 1(9) idaħħal Artikolu 8a ġdid dwar l-appoġġ finanzjarju għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq fl-UE. Qed tiġi stabbilita bażi ġuridika għal finanzjament mill-UE tal-attivitajiet maħsuba għall-iskambju tal-aqwa prattiki tal-infurzar, l-applikazzjoni ta' metodoloġiji u tekniki tal-infurzar intelliġenti fl-Istati Membri, aktar tiswir tal-kapaċitajiet fl-awtoritajiet tal-infurzar, u kampanji ta' sensibilizzazzjoni.

L-Artikolu 1(10) jissostitwixxi l-Artikolu 9 tad-Direttiva CBE billi jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex taġġorna l-Anness il-ġdid fid-dawl tal-progress tekniku.

L-Artikolu 1(11) idaħħal Artikolu 10a ġdid, rigward kumitat li jrid jiġi stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

L-Artikolu 1(12) jissostitwixxi l-Artikolu 11 tad-Direttiva CBE. Dan jeżiġi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva.

L-Artikolu 1(13) jissostitwixxi l-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/413 bl-Anness tad-Direttiva emendata.

L-Artikolu 1(14) iħassar l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/413.

L-Artikolu 2 jispeċifika l-iskadenza għat-traspożizzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva emendata.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendata, jiġifieri fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 4 jindirizza d-Direttiva emendata lill-Istati Membri.

2023/0052 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), il-punt (c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2015/413 tiffaċilita l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u b'hekk tnaqqas l-impunità tal-awturi tar-reati mhux residenti. Investigazzjoni u infurzar transfruntieri effettivi tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq itejbu s-sikurezza fit-toroq għax huma deterrent biex is-sewwieqa mhux residenti jwettqu inqas reati u jsuqu b'mod aktar sikur.

(2) Il-prattika tal-awtoritajiet tal-infurzar involuti fl-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq uriet li l-formulazzjoni attwali fid-Direttiva (UE) 2015/413 tonqos milli tiffaċilita l-investigazzjoni effettiva tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq imwettqa mis-sewwieqa mhux residenti u fl-infurzar tal-penali finanzjarji sal-grad mixtieq. Dan jikkawża impunità relattiva tas-sewwieqa mhux residenti u jħalli impatt negattiv fuq is-sikurezza fit-toroq tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-drittijiet proċedurali u fundamentali tas-sewwieqa mhux residenti mhux dejjem jiġu rispettati fil-kuntest tal-investigazzjonijiet transfruntieri, b'mod partikolari minħabba nuqqas tat-trasparenza fl-iffissar tal-ammont tal-multi u fil-proċeduri tal-appell. Din id-Direttiva għandha l-għan li tkompli ttejjeb l-effettività tal-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq imwettqa b'vetturi rreġistrati fi Stat Membru ieħor biex tgħin ħalli jintlaħaq l-għan tal-Unjoni li l-għadd ta' mwiet bil-modi kollha tat-trasport jonqos għal kważi żero sal-2050 u li tiżdied il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u proċedurali tas-sewwieqa mhux residenti.

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU C , , p. .

(3) Fil-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030[3], il-Kummissjoni reġgħet impenjat ruħha għall-għan ambizzjuż li toqrob lejn żero mwiet u żero korrimenti serji fit-toroq tal-Unjoni sal-2050 ("Viżjoni Żero"), u għall-għan ta' żmien medju li l-imwiet u l-korrimenti serji jonqsu b'50% sal-2030, mira oriġinarjament stabbilita fl-2017 mill-Ministri tat-Trasport tal-Unjoni fid-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta dwar is-Sikurezza fit-Toroq. Biex jintlaħqu dawk il-miri, il-Kummissjoni, bħala parti mill-Komunikazzjoni "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur"[4], ħabbret l-intenzjoni tagħha li tirrevedi d-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

(4) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jenħtieġ li jiġi estiż għal reati oħra tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq biex ikun żgurat it-trattament ugwali tas-sewwieqa. Meta titqies il-bażi ġuridika li skontha ġiet adottata d-Direttiva (UE) 2015/413, jiġifieri l-Artikolu 91(1), il-punt (c), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-reati addizzjonali jenħtieġ li juru rabta qawwija mas-sikurezza fit-toroq, billi jindirizzaw imġiba perikoluża u imprudenti li toħloq riskju serju għall-utenti tat-toroq. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni jenħtieġ li tkun tirrifletti wkoll il-progress tekniku fl-identifikazzjoni awtomatika tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq.

(5) Ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq huma kklassifikati bħala reati amministrattivi jew bħala reati kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, li jistgħu jwasslu għal proċedimenti mressqa minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji quddiem qrati li jkollhom ġurisdizzjoni f'materji amministrattivi jew kriminali, skont il-proċeduri nazzjonali applikabbli. Qafas legali speċifiku tal-Unjoni jirregola l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Għaldaqstant l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva jeħtieġ ma tkunx timmina d-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni f'materji kriminali, u b'mod partikolari dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI[6], id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] fejn jidħlu l-proċeduri għall-iskambji tal-evidenza, u l-proċeduri għan-notifika tad-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni stabbilita mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[8]. Barra minn hekk, il-proċediment kriminali li jitolbu ċerti garanziji speċifiċi għall-individwi kkonċernati, is-salvagwardji proċedurali għall-persuni suspettati u akkużati, minquxa fid-Direttivi 2010/64/UE[9], 2012/13/UE[10], 2013/48/UE[11], (UE) 2016/343[12], (UE) 2016/800[13] u (UE)

[3] SWD(2019) 283 final

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur" (COM(2020) 789 final).

[5] Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9).

[6] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji (ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16).

[7] Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

[8] ĠU C 197, 12.7.2000, p. 3.

[9] Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14], jenħtieġ li ma jkunux affettwati bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

(6) Ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-punti ta' kuntatt nazzjonali jenħtieġ li jiġu definiti biex ikun żgurat li dawn jikkooperaw bla xkiel ma' awtoritajiet oħra involuti fl-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli dejjem għal dawn l-awtoritajiet u jwieġbu t-talbiet tagħhom fi żmien raġonevoli. Dan jenħtieġ li jkun il-każ irrispettivament min-natura tar-reat jew l-istatus legali tal-awtorità, u b'mod partikolari irrispettivament minn jekk l-awtorità jkollhiex kompetenza nazzjonali jew subnazzjonali jew lokali.

(7) L-elementi bażiċi tas-sistema tal-iskambju transfruntier tal-informazzjoni stabbilita bid-Direttiva (UE) 2015/413 jidhru li huma effettivi. Iżda hemm bżonn aktar titjib u aġġustamenti biex jissolvew ċerti kwistjonijiet li qed jinqalgħu minħabba *data* nieqsa, żbaljata jew mhux preċiża. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu imposti aktar obbligi fuq l-Istati Membri rigward il-ħtieġa li ċerta *data* fil-bażijiet tad-*data* rilevanti tinżamm disponibbli u aġġornata ħalli tiżdied l-effettività tal-iskambju tal-informazzjoni.

(8) L-Istat Membru tar-reat jenħtieġ li jitħalla wkoll iwettaq tfittxijiet awtomatizzati fir-reġistri tal-vetturi biex jikseb *data* dwar l-utenti finali tal-vetturi meta dik l-informazzjoni tkun diġà disponibbli. Barra minn hekk jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu għaż-żamma tad-*data* fir-rigward tal-identità tas-sidien, id-detenturi u l-utenti finali preċedenti tal-vetturi biex l-awtoritajiet ikollhom l-informazzjoni xierqa li jeħtieġu għall-investigazzjoni.

(9) It-talba għall-iżvelar tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u l-iskambju tal-elementi tad-*data* f'każijiet transfruntieri jenħtieġ li jsiru b'sistema elettronika unika. Għalhekk, filwaqt li jibni wkoll fuq il-qafas tekniku eżistenti, it-tiftix awtomatizzat tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi skont id-Direttiva (UE) 2015/413 jenħtieġ li jsir bl-applikazzjoni tas-software tas-Sistema tal-Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (Eucaris), u l-verżjonijiet emendati ta' dak is-software. Din l-applikazzjoni jenħtieġ li tippermetti l-iskambju rapidu, kosteffiċjenti, sigur u affidabbli ta' *data* speċifika tar-reġistrazzjoni tal-vetturi bejn l-Istati Membri, u għalhekk iżżid l-effiċjenza tal-investigazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw l-iskambju tal-informazzjoni b'mezzi oħra, li jkunu inqas kosteffiċjenti u ma jkunux jistgħu jiżguraw il-protezzjoni tad-*data* trażmessa.

---

[10] Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

[11] Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

[12] Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

[13] Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

[14] Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni suspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).

(10) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi fit-tfittxijiet li jridu jagħmlu l-Istati Membri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu proċeduri għal dawk it-tfittxijiet. Madankollu, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ miżuri tranżizzjonali għall-iskambju awtomatizzat tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi abbażi tas-sistema elettronika eżistenti biex ikunu żgurati skambji bla xkiel tad-*data* sakemm dawn ir-regoli jsiru applikabbli.

(11) Meta l-persuna responsabbli ma tkunx tista' tiġi identifikata biċ-ċertezza meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tar-reat abbażi tal-informazzjoni miksuba mir-reġistru tal-vetturi, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejniethom biex jaċċertaw l-identità tal-persuna responsabbli. Għal dak il-għan, jenħtieġ li tiddaħħal proċedura tal-assistenza reċiproka biex tiġi identifikata l-persuna responsabbli, b'talba għal konferma abbażi tal-informazzjoni diġà miżmuma mill-Istat Membru tar-reat, jew b'talba għal inkjesta mmirata li jridu jwettqu l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew tal-Istat Membru tar-residenza.

(12) L-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew l-Istat Membru tar-residenza jenħtieġ li jipprovdi fi żmien raġonevoli l-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Istat Membru tar-reat meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli. Meta ma jkunx possibbli li tinġabar jew tingħata l-informazzjoni, jew meta dan ma jkunx jista' jsir mingħajr dewmien, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni ċara fir-rigward tar-raġunijiet għal dan, u d-dewmien jitnaqqas kemm jista' jkun.

(13) Jenħtieġ li jiġu identifikati b'mod speċifiku r-raġunijiet li għalihom l-għoti tal-assistenza reċiproka għall-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli jista' jiġi rrifjutat mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew mill-Istat Membru tar-residenza. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiddaħħlu salvagwardji biex ikun evitat li b'dawk il-proċeduri tiġi żvelata l-identità tal-persuni protetti, bħal ta' xhieda protetti.

(14) L-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jużaw il-proċeduri nazzjonali li japplikaw għar-reati relatati mas-sikurezza fit-toroq imwettqa mill-persuni residenti. Iċ-ċertezza legali jenħtieġ li tissaħħaħ fir-rigward tal-applikabbiltà ta' miżuri speċifiċi meħuda f'dawn il-proċeduri, jiġifieri b'rabta mad-dokumenti li jeħtieġu l-konferma jew iċ-ċaħda tat-twettiq tar-reat jew l-impożizzjoni ta' obbligi għall-persuni kkonċernati biex jikkooperaw fl-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli. Peress li dawk il-miżuri jenħtieġ li jkollhom l-istess effetti legali fuq il-persuni kkonċernati bħal fil-każijiet domestiċi, dawk il-persuni jenħtieġ li jgawdu wkoll l-istess standards ta' drittijiet fundamentali u proċedurali.

(15) Meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri tipprovdi b'mod espliċitu aċċess għall-informazzjoni jew il-possibbiltà ta' skambju tal-informazzjoni minn bażijiet tad-*data* oħra nazzjonali jew tal-Unjoni għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/413, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jiskambjaw l-informazzjoni billi jinvolvu dawn il-bażijiet tad-*data*, b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tas-sewwieqa mhux residenti.

(16) Id-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi ittra informattiva dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u l-kontenut tagħha bħalissa tvarja fost l-Istati Membri sal-punt li d-drittijiet fundamentali u proċedurali tal-persuni involuti fil-proċeduri ta' segwitu mibdija mill-Istat Membru tar-reat jistgħu jiġu affettwati ħażin. Dan hu speċjalment il-każ meta jintbagħtu l-hekk imsejħa "ittri preinformattivi" li ma jikkonformawx mal-istandards tal-lingwa u tal-informazzjoni meħtieġa skont id-Direttiva (UE) 2015/413. Il-persuni affettwati b'dawk il-prattiki normalment ma jkunux familjari mas-sistema legali tal-Istat Membru tar-reat u lanqas ma jkunu

jitkellmu l-lingwa/i uffiċjali tiegħu, u għalhekk id-drittijiet proċedurali u fundamentali tagħhom jenħtieġ li jitħarsu aħjar. Biex jintlaħaq dak l-objettiv, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi obbligatorji għall-kontenut tal-ittra informattiva, filwaqt li l-mudell attwali tal-ittra informattiva b'informazzjoni bażika biss, kif stabbilit fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/413 jenħtieġ li ma jibqax jintuża.

(17) Bħala minimu, l-ittra informattiva jenħtieġ li tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-klassifikazzjoni legali u l-konsegwenzi legali tar-reat, b'mod partikolari peress li s-sanzjonijiet tar-reati koperti fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413 jista' jkollhom natura mhux pekunarja, bħar-restrizzjonijiet imposti fuq id-dritt tas-sewqan li għandu l-awtur tar-reat. Id-dritt tal-appell jenħtieġ li jiġi appoġġat ukoll billi tingħata informazzjoni dettaljata dwar fejn u kif iridu jiġu eżerċitati d-drittijiet tad-difiża jew jiġi ppreżentat appell fl-Istat Membru tar-reat, b'lingwa li l-persuna kkonċernata tifhem. Jenħtieġ li tingħata wkoll deskrizzjoni tal-proċeduri *in absentia* meta applikabbli, peress li l-persuna preżunta responsabbli jaf ma tkunx qed tippjana li tirritorna fl-Istat Membru tar-reat biex tipparteċipa fil-proċedimenti. Jenħtieġ li anki l-alternattivi tal-ħlas u l-modi biex jittaffa l-volum tas-sanzjonijiet ikunu faċli biex jinftiehmu ħalli tiġi inċentivata l-kooperazzjoni volontarja. Fl-aħħar nett, peress li l-ittra informattiva jenħtieġ li tkun l-ewwel dokument li jirċievi s-sid, id-detentur jew l-utent finali tal-vettura jew persuna oħra preżunta responsabbli, jenħtieġ li din ikun fiha l-informazzjoni skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] li, skont l-Artikolu 13(2)(d) jenħtieġ li tkun tinkludi informazzjoni li minnha toriġina d-*data* personali, u l-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16]. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata fl-ittra informattiva direttament jew b'referenza għall-post fejn tkun disponibbli.

(18) Meta persuni mhux residenti jiġu ċċekkjati fuq il-post waqt kontroll fit-triq, u dik l-azzjoni twassal biex jinbdew proċedimenti ta' segwitu b'rabta mat-twettiq ta' reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq, l-ittra informattiva jenħtieġ li jkun fiha biss ċerti elementi essenzjali u tingħata lill-persuna kkonċernata direttament bħala parti mill-proċeduri tal-kontroll tat-triq.

(19) Biex ikun żgurat li l-persuna preżunta responsabbli tkun dik li fil-fatt tirċievi l-ittra informattiva u kull dokument ta' segwitu, u biex ikun evitat l-involviment żbaljat ta' partijiet terzi mhux ikkonċernati, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar in-notifika tad-dokumenti.

(20) Meta d-dokumenti ma jkunux jistgħu jitwasslu b'konsenja reġistrata jew b'mezzi elettroniċi tal-istess valur, l-Istat Membru tar-reat jenħtieġ li jitħalla joqgħod fuq l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew tar-residenza għan-notifika tad-dokumenti u l-komunikazzjonijiet lill-persuna kkonċernata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu li tirregola n-notifika tad-dokumenti.

---

[15] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

[16] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(21) Kemm l-ittra informattiva u kull dokument ta' segwitu jenħtieġ li jintbagħtu bil-lingwa tad-dokument tar-reġistrazzjoni tal-vettura jew, jekk dik l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew jekk tkun meħtieġa għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, bil-lingwa/i uffiċjali xierqa tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew tar-residenza. Madankollu, peress li xi Stati Membri għandhom aktar minn lingwa uffiċjali waħda, dak l-obbligu jista' jwassal biex jintbagħtu ittri informattivi u komunikazzjonijiet oħra ta' segwitu b'lingwa li r-riċevitur ma jifhimx. Biex tiġi ddeterminata l-lingwa xierqa tal-ittra informattiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jindikaw lill-Kummissjoni l-lingwa preferuta tagħhom, skont is-subdiviżjonijiet territorjali jekk jitqies meħtieġ. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika l-preferenzi lingwistiċi indikati. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/64/UE, f'konformità mal-Artikolu 1(3) tagħha.

(22) L-Istat Membru tar-reat jenħtieġ li jippermetti lill-persuna preżunta responsabbli għal reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq li tikkomunika, sal-istadju tal-appell quddiem qorti, b'xi waħda mil-lingwi kkomunikati mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, tal-Istat Membru tar-residenza, jew tal-Istat Membru tar-reat lill-Kummissjoni jew, jekk il-persuna kkonċernata ma jkollhiex għarfien biżżejjed ta' dawk il-lingwi, b'lingwa li l-persuna titkellem jew tifhem, biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet proċedurali tagħha.

(23) Jenħtieġ li jkun previst rieżami legali effettiv għal meta l-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-reat ma jikkonformawx mal-istandards tal-lingwa u mar-regoli dwar in-notifika tad-dokumenti u l-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.

(24) Biex tkun żgurata l-applikazzjoni trasparenti u proporzjonali tal-penali finanzjarji għar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, li huma soġġetti għal-liġi pubblika, il-persuni preżunti responsabbli jenħtieġ li ma jiġux sfurzati jħallsu spejjeż legali u amministrattivi relatati mal-amministrazzjoni tal-penali, meta dik l-amministrazzjoni tiġi esternalizzata lil entitajiet privati jew pubbliċi. Madankollu, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jimponu tariffi amministrattivi proporzjonati.

(25) L-ambitu tal-informazzjoni li l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni jenħtieġ li jiġi estiż biex ikun jinkludi elementi relatati mill-qrib mal-objettiv tat-titjib tas-sikurezza fit-toroq, biex il-Kummissjoni tkun tista' tanalizza aħjar is-sitwazzjoni attwali fl-Istati Membri u tipproponi inizjattivi fuq bażi fattwali soda. Biex jitpaċa l-piż amministrattiv addizzjonali fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri u biex ir-rappurtar jiġi allinjat mal-kalendarju tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, il-perjodu tar-rapportar jenħtieġ li jiġi estiż. Jenħtieġ li jingħata perjodu tranżitorju biex il-perjodu attwali ta' sentejn għar-rapportar ikun jista' jintemm bla xkiel.

(26) Peress li d-*data* relatata mal-identifikazzjoni tal-awturi tar-reati tikkostitwixxi *data* personali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680, u l-qafas legali tal-Unjoni dwar it-trattament tad-*data* personali ġie emendat b'mod sinifikanti mill-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413 'l hawn, id-dispożizzjonijiet dwar l-ipproċessar tad-*data* personali jenħtieġ li jiġu allinjati mal-qafas legali l-ġdid.

(27) Skont l-Artikolu 62(6) tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-Kummissjoni trid tirrieżamina atti oħra tal-liġijiet tal-Unjoni li jirregolaw l-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet stipulati fl-Artikolu 1(1) ta' dik id-Direttiva, biex tevalwa l-ħtieġa li tallinja dawk l-atti ma' dik id-Direttiva u biex, meta xieraq, tagħmel

il-proposti meħtieġa ħalli temendahom u tiżgura approċċ konsistenti għall-protezzjoni tad-*data* personali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Dak ir-rieżami[17] wassal għall-identifikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413 bħala wieħed minn dawk l-atti l-oħra li jridu jiġu emendati. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-ipproċessar tad-*data* personali jenħtieġ ikun konformi wkoll mad-Direttiva (UE) 2016/680, meta l-ipproċessar ikun fil-kamp ta' applikazzjoni materjali u personali tagħha.

(28) Kull ipproċessar tad-*data* personali skont id-Direttiva (UE) 2015/413 jenħtieġ li jkun konformi mar-Regolament (UE) 2016/679, mad-Direttiva (UE) 2016/680 u mar-Regolament (UE) 2018/1725[18] fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom.

(29) Il-bażi ġuridika għall-attivitajiet tal-ipproċessar meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità tal-persuna responsabbli u biex jintbagħtu l-ittra informattiva u d-dokumenti ta' segwitu lill-persuni preżunti responsabbli, hi stabbilita fid-Direttiva (UE) 2015/413, f'konformità mal-Artikolu 6(1)(e) u, meta applikabbli, l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2016/680. F'konformità mal-istess regoli, din id-Direttiva tistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-obbligu tal-Istati Membri li jipproċessaw id-*data* personali għall-finijiet tal-għoti tal-assistenza reċiproka lil xulxin biex jiġu identifikati l-persuni responsabbli għal reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati f'din id-Direttiva.

(30) F'xi Stati Membri, id-*data* personali tal-persuni mhux residenti preżunti responsabbli jew responsabbli għal reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq tinħażen f'network ta' servers ("cloud"). Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-ksur tad-*data* personali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680, u dwar il-ksur tad-*data* personali u l-inċidenti tas-sigurtà stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19], l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jinfurmaw lil xulxin dwar l-inċidenti taċ-ċibersigurtà relatati ma' dik id-*data*.

(31) Jenħtieġ li jiġi stabbilit portal online (il-"Portal CBE") biex l-utenti tat-toroq fl-Unjoni jingħataw informazzjoni komprensiva dwar ir-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq fis-seħħ fl-Istati Membri, u biex l-utenti tat-toroq ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-awtoritajiet tal-Istati Membri b'mod effettiv u sigur. Il-portal jenħtieġ li jiffaċilita wkoll il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar diversi kwistjonijiet relatati mal-investigazzjoni transfruntiera tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, bħall-verifika tal-awtentiċità tal-ittri informattivi u d-dokumenti ta' segwitu biex titneħħa l-possibbiltà ta' frodi. Id-*data* personali skambjata jenħtieġ li tkun limitata għal dik meħtieġa għall-investigazzjonijiet transfruntiera u l-infurzar tas-sanzjonijiet, b'mod partikolari l-ħlas tal-penali finanzjarji. Il-Portal CBE jenħtieġ li jkun jista' jikkonnettja ma' portali, networks, siti web jew pjattaformi rilevanti oħra biex jiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni relatata mal-infurzar tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun il-kontrollur tal-Portal CBE, f'konformità mar-Regolament 2018/1725.

[17] COM(2020) 262 final

[18] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[19] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022).

(32) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi appoġġ finanzjarju proporzjonat għall-inizjattivi li jtejbu l-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq fl-Unjoni.

(33) Biex jitqiesu l-progress tekniku rilevanti jew il-bidliet fl-atti legali rilevanti tal-Unjoni, is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex taġġorna l-Anness ta' din id-Direttiva billi temendah. Hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[20]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(34) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż il-miżuri taċ-ċibersigurtà, għat-tfittxijiet awtomatizzati li jridu jsiru b'rabta mal-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, il-kontenut tal-formola elettronika standard għat-talba u l-mezzi tat-trażmissjoni tal-informazzjoni relatata mat-talba għal assistenza reċiproka fl-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli, il-kontenut tal-formoli elettroniċi għat-talba għal assistenza reċiproka għan-notifika tal-ittra informattiva u tad-dokumenti ta' segwitu u taċ-ċertifikat rispettiv u l-użu u l-manutenzjoni tal-Portal CBE. Is-soluzzjonijiet tekniċi jenħtieġ li jkunu allinjati mal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà u s-soluzzjonijiet rilevanti tal-Ewropa Interoperabbli msemmija fil-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni (Att dwar l-Ewropa Interoperabbli)[21]. Is-setgħat ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22].

(35) Għalhekk, id-Direttiva (UE) 2015/413 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(36) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni lill-utenti kollha tat-toroq fl-Unjoni u trattament ugwali lis-sewwieqa billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri waqt l-investigazzjoni transfruntiera tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u billi tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuni mhux residenti meta r-reati jsiru b'vettura rreġistrata fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru fejn ikun sar ir-reat, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-

[20] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
[21] COM(2022) 720 final
[22] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(37) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] ta opinjoni nhar [JJ/XX/SSSS].

(38) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni[24], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali tat-traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur jidhirlu li t-trażmissjoni ta' dawk id-dokumenti hija ġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva (UE) 2015/413 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel paragrafu, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(i) in-nuqqas taż-żamma ta' distanza biżżejjed minn mal-vettura ta' quddiem;

(j) il-qbiż perikoluż;

(k) l-ipparkjar perikoluż;

(l) il-qsim ta' linja bajda solida waħda jew aktar;

(m) is-sewqan fid-direzzjoni żbaljata;

(n) in-nuqqas ta' rispett tar-regoli dwar il-ħolqien u l-użu tal-kurituri ta' emerġenza;

(p) l-użu ta' vettura mgħobbija żżejjed.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-atti legali tal-Unjoni:

(a) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI;

(b) Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

(c) il-proċeduri għan-notifika tad-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni stabbilita mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 34 tat-

---

[23] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[24] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea**;

(d) id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-persuni suspettati u akkużati stabbiliti fid-Direttivi 2010/64/UE***, 2012/13/UE****, 2013/48/UE*****, (UE) 2016/343******, (UE) 2016/800******* u (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill********.

____

* Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

** ĠU C 197, 12.7.2000, p. 3.

*** Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

**** Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

**** Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

***** Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

****** Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

******* Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).";

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) "użu ta' karreġġata pprojbita" tfisser l-użu illegali ta' parti permanenti jew temporanja diġà eżistenti mit-triq, bħal karreġġata tat-trasport pubbliku jew karreġġata magħluqa temporanjament għal raġunijiet ta' konġestjoni jew xogħlijiet fit-triq, kif definit fil-liġi tal-Istat Membru fejn isir ir-reat";

(b) il-punt (l) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(l) 'punt ta' kuntatt nazzjonali' tfisser awtorità kompetenti deżinjata għall-finijiet ta' din id-Direttiva";

(c) jiżdiedu l-punti (o) sa (z) li ġejjin:

“(o) “nuqqas taż-żamma ta’ distanza biżżejjed minn mal-vettura ta’ quddiem” tfisser li ma tinżammx id-distanza meħtieġa biex tiġi evitata kolliżjoni mal-vettura quddiem il-vettura misjuqa mis-sewwieq, jekk il-vettura preċedenti kellha tnaqqas il-veloċità jew tieqaf f’daqqa, kif definit fil-liġi tal-Istat Membru tar-reat;

(p) “qbiż perikoluż” tfisser il-qbiż ta’ vettura oħra jew ta’ utent ieħor tat-triq b’mod li jikser ir-regoli applikabbli dwar il-qbiż perikoluż fl-Istat Membru tar-reat;

(q) “ipparkjar perikoluż” tfisser l-ipparkjar tal-vettura b’mod li jikser ir-regoli applikabbli dwar l-ipparkjar perikoluż fl-Istat Membru tar-reat. In-nuqqas ta’ ħlas tat-tariffi tal-ipparkjar u reati simili oħra ma għandhomx jitqiesu bħala ipparkjar perikoluż;

(r) “qsim ta’ linja bajda solida waħda jew aktar” tfisser tibdil tal-karreġġati bil-vettura permezz ta’ qsim illegali ta’ mill-inqas linja bajda solida waħda, kif definit fil-liġi tal-Istat Membru tar-reat;

(s) “sewqan fid-direzzjoni żbaljata” tfisser is-sewqan ta’ vettura kontra d-direzzjoni deżinjata tat-traffiku, kif definit fil-liġi tal-Istat Membru tar-reat;

(t) “nuqqas ta’ rispett tar-regoli dwar il-ħolqien u l-użu tal-kurituri ta’ emerġenza” tfisser nuqqas ta’ konformità mar-regoli li jikkonċernaw il-ħolqien u l-użu għal skopijiet ta’ emerġenza biss ta’ karreġġata temporanja maħluqa bejn il-vetturi, li trid tiġi ffurmata mis-sewwieqa biex il-vetturi tas-servizz ta’ emerġenza, bħall-vetturi tal-pulizija, il-vetturi tas-salvataġġ jew it-trakkijiet tat-tifi tan-nar, jgħaddu u jaslu fis-sit ta’ emerġenza, kif definit fil-liġi tal-Istat Membru tar-reat;

(u) “użu ta’ vettura mgħobbija żżejjed” tfisser l-użu ta’ vettura li ma tkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti għall-piżijiet massimi awtorizzati tagħha, kif stabbilit fil-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE*, jew fil-liġi tal-Istat Membru tar-reat għall-vetturi jew l-operazzjonijiet li għalihom ma hemm l-ebda rekwiżit bħal dan stabbilit f’dik id-Direttiva;

(v) “ittra informattiva” tfisser l-ewwel komunikazzjoni li jirċievu l-persuni msemmija fl-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu, kemm jekk tkun deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja jew xi dokument ieħor mibgħut mill-Istat Membru tar-reat jew minn entità bis-setgħa li tagħmel dan skont il-liġi tiegħu, maħruġa sal-istadju tal-appell quddiem qorti kompetenti u li tkun tinkludi mill-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2);

(w) “dokumenti ta’ segwitu” tfisser deċiżjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji jew xi dokument ieħor li l-Istat Membru tar-reat, jew entità bis-setgħa tagħmel dan skont il-liġi tiegħu, joħroġ wara l-ittra informattiva b’rabta ma’ dik l-ittra jew mar-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq inkwistjoni, sal-istadju tal-appell quddiem qorti kompetenti;

(x) “persuna responsabbli” tfisser il-persuna li hi responsabbli għal reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq elenkat fl-Artikolu 2(1), f’konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat;

(y) “utent finali” tfisser persuna fiżika li mhix is-sid jew id-detentur tal-vettura li biha twettaq wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 2(1), iżda li kienet

qed tuża dik il-vettura b'mod legali, b'mod partikolari b'kuntratt ta' lokazzjoni jew kiri fit-tul jew bħala parti minn flotta ta' vetturi disponibbli għall-impjegati;

(z) "Stat Membru tar-residenza" tfisser Stat Membru li jista' jiġi preżunt sa livell raġonevoli ta' ċertezza li jkun il-post tar-residenza abitwali tal-persuni msemmija fl-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu.

____

* Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

*"Artikolu 3a*

**Punti ta' kuntatt nazzjonali**

1. Għall-finijiet tal-iskambju tal-informazzjoni skont din id-Direttiva, kull Stat Membru għandu jiddeżinja punt ta' kuntatt nazzjonali. Is-setgħat tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom jiġu regolati mil-liġi applikabbli tal-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt nazzjonali rispettivi tagħhom jikkooperaw mal-awtoritajiet involuti fl-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2(1), b'mod partikolari biex ikun żgurat li l-informazzjoni kollha meħtieġa tiġi kondiviża fi żmien debitu, u li jkun hemm konformità mal-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 4a(5) u fl-Artikolu 5a(2).";

(4) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 4*

**Proċedura għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri**

1. Għall-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq imsemmija fl-Artikolu 2(1), l-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħra, għal din id-*data* nazzjonali tar-reġistrazzjoni tal-vetturi li ġejja, bis-setgħa li jagħmlu tfittxijiet awtomatizzati fir-rigward ta':

(a) *data* dwar il-vetturi;

(b) *data* relatata mas-sidien, id-detenturi, jew l-utenti finali tal-vetturi, meta disponibbli.

L-elementi tad-*data* msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), meħtieġa għat-tiftix għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness.

Meta jsir tiftix fl-għamla ta' talba maħruġa, il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat għandu juża numru sħiħ tar-reġistrazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-elementi tad-*data* elenkati fit-Taqsima 2, il-Partijiet I, II u IV tal-Anness ikunu disponibbli u aġġornati fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom iżommu l-elementi tad-*data* msemmija fit-Taqsima 2, il-Parti IV u, meta disponibbli, it-Taqsima 2, il-Parti V tal-Anness, fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi għal mill-inqas 6 xhur wara modifika tas-sjieda jew tal-użu tal-vettura inkwistjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-messaġġ "L-informazzjoni mhix żvelata" flok l-elementi tad-*data* mitluba fil-każijiet li ġejjin:

(a) il-vettura tkun ġiet skrappjata;

(b) in-numru sħiħ tar-reġistrazzjoni tal-vettura ma jkunx ingħata fit-tfittxija mwettqa fil-forma ta' talba maħruġa skont il-paragrafu 1;

(c) in-numru sħiħ tar-reġistrazzjoni tal-vettura, mogħti fit-tfittxija mwettqa fil-forma ta' talba maħruġa skont il-paragrafu 1, ikun skadut jew skorrett.

L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-messaġġ "Il-vettura jew il-pjanċa tar-reġistrazzjoni huma misruqa" flok l-elementi tad-*data* mitluba meta l-vettura jew il-pjanċa tar-reġistrazzjoni tal-vettura jkunu ġew irreġistrati bħala misruqa fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi.

5. Għat-tiftix awtomatizzat tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, l-Istati Membri għandhom jużaw l-applikazzjoni tas-software iddisinjata speċifikament tas-Sistema tal-Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (Eucaris), u l-verżjonijiet emendati ta' dan is-software.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tiftix awtomatizzat tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi jkun sigur, kosteffiċjenti, rapidu u affidabbli, u jsir b'mezzi interoperabbli fi ħdan struttura deċentralizzata.

Is-software għandu jipprevedi modalità ta' skambju online f'ħin reali u anki modalità ta' skambju ta' lottijiet ħalli jkun jista' jsir skambju ta' diversi talbiet jew tweġibiet f'messaġġ wieħed. L-informazzjoni skambjata bil-Eucaris għandha tintbagħat b'forma kriptata.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż miżuri taċ-ċibersigurtà għat-tfittxijiet awtomatizzati mwettqa skont dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10a(2).

7. Sakemm isiru applikabbli l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, it-tfittxijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom isiru f'konformità mal-proċeduri deskritti fil-Kapitolu 3, il-punti 2 u 3, tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI*, applikati b'mod konġunt mal-Anness ta' din id-Direttiva.

8. Kull Stat Membru għandu jġarrab il-kostijiet tiegħu stess għall-amministrazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni tal-applikazzjoni tas-software u l-verżjonijiet emendati tagħha msemmija fil-paragrafu 5.

* Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).";

(5) jiddaħħlu l-Artikoli 4a, 4b u 4c li ġejjin:

*"Artikolu 4a*

**Assistenza reċiproka fl-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin meta, abbażi tar-riżultati tat-tiftix awtomatizzat imwettaq f'konformità mal-Artikolu 4(1), l-Istat Membru tar-reat ma jkunx jista' jidentifika l-persuna responsabbli sal-grad meħtieġ taċ-ċertezza meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu biex jinbdew jew jitwettqu l-proċedimenti ta' segwitu msemmija fl-Artikolu 5(1).

2. L-Istat Membru tar-reat għandu jiddeċiedi jekk jitlobx assistenza reċiproka biex jikseb l-informazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu. It-talba tista' tinħareġ biss minn awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja, jew mill-awtorità kompetenti tal-pulizija fil-każ ikkonċernat, f'konformità mal-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.

3. Meta l-Istat Membru tar-reat ikun iddeċieda li jitlob assistenza reċiproka f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt ta' kuntatt nazzjonali tiegħu għandu jibgħat talba strutturata u ffirmata elettronikament lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew tal-Istat Membru tar-residenza.

L-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew l-Istat Membru tar-residenza jista' jintalab:

(a) jikkonferma, abbażi tal-informazzjoni diġà fil-pussess tiegħu, li jista' jiġi preżunt sa livell raġonevoli ta' ċertezza li l-persuna reġistrata viżwalment bit-tagħmir tad-detezzjoni tal-Istat Membru tar-reat hi s-sid, id-detentur jew l-utent finali tal-vettura, jew persuna preżunta responsabbli għal wieħed mir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2(1);

(b) jitlob lis-sid, lid-detentur jew lill-utent finali tal-vettura, jew lil persuna preżunta responsabbli għal wieħed mir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2(1) biex jipprovdu informazzjoni dwar l-identità tal-persuna responsabbli, f'konformità mal-liġi nazzjonali ta' pajjiżhom.

4. Meta l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew l-Istat Membru tar-residenza jirċievi talba kif imsemmi fil-paragrafu 3, dan għandu jiġbor l-informazzjoni mitluba, sakemm ma jkunx iddeċieda li jinvoka waħda mir-raġunijiet għar-rifjut elenkati fil-paragrafu 7 jew ma jkunx possibbli li tinġabar l-informazzjoni mitluba. L-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew l-Istat Membru tar-residenza għandu jibgħat l-informazzjoni mitluba elettronikament mingħajr dewmien żejjed tramite l-punt ta' kuntatt nazzjonali tiegħu lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat.

Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu, il-punt (b), l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew l-Istat Membru tar-residenza għandu jitlob l-informazzjoni f'konformità mal-proċeduri nazzjonali applikabbli daqslikieku l-miżura investigattiva kkonċernata kienet ġiet ordnata mill-awtoritajiet tiegħu stess, sakemm ma jkunx iddeċieda li jinvoka waħda mir-raġunijiet għal rifjut elenkati fil-paragrafu 7.

L-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u l-Istat Membru tar-residenza għandhom jikkonformaw mal-formalitajiet u l-proċeduri espressament mitluba mill-Istat Membru tar-reat, waqt il-ġbir tal-informazzjoni addizzjonali, sa fejn dawn ma jkunux inkompatibbli mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jipprovdu l-informazzjoni mitluba mingħajr dewmien żejjed minn meta tasal it-talba.

Meta ma tkunx tista' tingħabar l-informazzjoni mingħajr dewmien żejjed minn meta tasal it-talba, il-punti ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew l-Istat Membru tar-residenza għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lill-Istat Membru tar-reat malajr kemm jista' jkun, bi spjegazzjoni adegwata tar-raġunijiet għad-dewmien.

Meta jkun jidher ċar li l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew l-Istat Membru tar-residenza mhux se jkunu jistgħu jiġbru l-informazzjoni mitluba kollha jew parti minnha, dawn għandhom jibagħtu minnufih spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għal dan lill-Istat Membru tar-reat.

6. L-Istati Membri li jirċievu t-talba, jistgħu jipprevedu proċedura ta' validazzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja minn qabel biex jiżguraw li l-informazzjoni mitluba tkun meħtieġa u proporzjonata għall-fini tal-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli, b'mod partikolari b'kunsiderazzjoni tad-drittijiet tal-persuni preżunti responsabbli.

7. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali mitluba skont il-paragrafu 3. Dawn għandhom jagħmlu dan biss fil-każijiet li ġejjin:

(a) ikun hemm immunità jew privileġġ skont il-liġi tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew tal-Istat Membru tar-residenza, li jagħmilha impossibbli li tingħata l-informazzjoni;

(b) l-għoti tal-informazzjoni mitluba jkun imur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*;

(c) l-għoti tal-informazzjoni mitluba jkun jagħmel ħsara lil interessi essenzjali tas-sigurtà nazzjonali, jipperikola s-sors tal-informazzjoni jew jinvolvi l-użu ta' informazzjoni klassifikata relatata ma' attivitajiet speċifiċi ta' intelligence;

(d) ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li l-għoti tal-informazzjoni mitluba jkun inkompatibbli mal-obbligi tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew tal-Istat Membru tar-residenza f'konformità mal-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

(e) l-għoti tal-informazzjoni mitluba jkun jiżvela l-identità ta' persuna protetta f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew tal-Istat Membru tar-residenza;

(f) meta l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew l-Istat Membru tar-residenza jkun jipprevedi proċedura ta' validazzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja minn qabel imsemmija fil-paragrafu 6, iżda t-talba ma tkunx ġiet ivvalidata mill-Istat Membru tar-reat qabel intbagħtet u, abbażi taċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari, l-informazzjoni mitluba ma tkunx meqjusa meħtieġa u proporzjonata għall-fini tal-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli.

L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu malajr kemm jista' jkun, u fi żmien 15 jum minn meta jirċievu t-talba, jekk jinvokawx raġuni għal rifjut. L-Istati Membri li jiddeċiedu li japplikaw raġuni għal rifjut għandhom jinfurmaw b'dan mingħajr dewmien żejjed lill-Istat Membru tar-reat tramite l-punt ta' kuntatt nazzjonali tagħhom.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-każ imsemmi fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu, il-punt (b), ikun hemm applikabbli rimedji legali ekwivalenti għal dawk disponibbli fil-każijiet domestiċi.

9. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat, tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u tal-Istat Membru tar-residenza jistgħu jikkonsultaw lil xulxin b'mezz xieraq biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni effiċjenti ta' dan l-Artikolu.

10. It-talba msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi kkomunikata bil-lingwa jew b'waħda mil-lingwi tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew tal-Istat Membru tar-residenza notifikati lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 5a(8).

L-informazzjoni mogħtija bi tweġiba għat-talba għandha tiġi kkomunikata bil-lingwa/i tal-Istat Membru tar-reat notifikati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 5a(8).

11. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika f'aktar dettall il-kontenut tal-formola elettronika standard għat-talba, il-mezzi tat-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4, u l-funzjonalitajiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-applikazzjoni tas-software għall-iskambju tad-*data*, inkluż il-miżuri taċ-ċibersigurtà. L-ispeċifikazzjonijiet tas-software għandhom jipprevedu kemm modalità ta' skambju asinkroniku online u anki modalità ta' skambju asinkroniku ta' lottijiet, kif ukoll it-trażmissjoni tal-elementi tad-*data* b'forma kriptata.

Il-formola elettronika standard għat-talba għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja dwar il-validazzjoni tal-informazzjoni mitluba, imsemmija fil-paragrafu 6, u dettalji dwar l-awtorità li ħadet id-deċiżjoni, jekk applikabbli;

(b) elementi tad-*data* relatati mas-sidien, id-detenturi jew l-utenti finali tal-vetturi miksuba wara t-tiftix awtomatizzat imwettaq f'konformità mal-Artikolu 4(1);

(c) jekk disponibbli, ir-reġistrazzjoni viżiva tal-persuna responsabbli miġbuda mit-tagħmir tad-detezzjoni, b'mod partikolari l-kameras tal-veloċità.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10a(2).

*Artikolu 4b*

**Miżuri nazzjonali li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli**

1. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri fir-rigward tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2(1) skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, biex jirnexxilhom jidentifikaw lill-persuna responsabbli, bħal miżuri relatati mal-obbligu ta' kooperazzjoni fl-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli, diment li dawn ikunu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u proċedurali skont il-liġi tal-Unjoni u nazzjonali.

2. F'konformità mal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, b'mod partikolari:

(a) jinnotifikaw dokumenti lil persuni preżunti responsabbli għat-twettiq tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2(1), inkluż dokumenti li jitolbu lil dawn il-persuni jikkonfermaw ir-responsabbiltà tagħhom;

(b) japplikaw obbligi mqiegħda fuq persuni preżunti responsabbli li huma rilevanti għall-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli, sal-aktar punt possibbli.

*Artikolu 4c*

**Użu ta' bażijiet tad-*data* oħra**

"L-Istati Membri jistgħu jiskambjaw jew jaċċessaw *data* billi jużaw bażijiet tad-*data* oħra bħal reġistri tal-liċenzji tas-sewqan jew reġistri tal-popolazzjoni għall-finijiet uniċi tal-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli. Għandhom jagħmlu dan biss sa fejn dak l-iskambju jew l-aċċess ikun ibbażat espliċitament fuq il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni."

(6) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 5*

**Ittra informattiva dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq**

1. L-Istat Membru tar-reat għandu jiddeċiedi jekk għandux jibda proċedimenti ta' segwitu jew le fir-rigward tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2(1).

Meta l-Istat Membru tar-reat jiddeċiedi li jibda dawn il-proċedimenti, dak l-Istat Membru għandu jinforma minnufih lill-persuna preżunta responsabbli dwar ir-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq u bid-deċiżjoni li jinbdew proċedimenti ta' segwitu permezz ta' ittra informattiva.

L-ittra informattiva tista' taqdi skopijiet oħra għajr dawk stabbiliti fit-tieni subparagrafu.

2. L-ittra informattiva għandha tinkludi mill-inqas:

(a) l-indikazzjoni li l-ittra nħarġet għall-finijiet ta' din id-Direttiva;

(b) l-isem, l-indirizz postali, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-email tal-awtorità kompetenti;

(c) l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ir-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq, b'mod partikolari *data* dwar il-vettura li biha twettaq ir-reat, inkluż in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, il-post, id-data u l-ħin tar-reat, in-natura tar-reat, referenza dettaljata għad-dispożizzjonijiet legali miksura u, meta xieraq, *data* dwar l-apparat użat biex jiġi identifikat ir-reat;

(d) informazzjoni dettaljata dwar il-klassifikazzjoni legali tar-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq, is-sanzjonijiet applikabbli u konsegwenzi legali oħra tar-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq, inkluż informazzjoni relatata mal-iskwalifiki tas-sewqan (inkluż il-punti penali jew restrizzjonijiet oħra imposti fuq id-dritt tas-sewqan), f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat;

(e) informazzjoni dettaljata dwar fejn u kif jiġu eżerċitati d-drittijiet tad-difiża jew biex isir appell mid-deċiżjoni li jiġi segwit ir-reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq, inkluż ir-rekwiżiti għall-ammissibbiltà ta' dan l-appell u l-limitu taż-żmien għat-tressiq tal-appell, u dwar jekk u skont liema kundizzjonijiet japplikaw il-proċeduri *in absentia*, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat;

(f) meta applikabbli, informazzjoni dwar il-proċeduri biex il-persuni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-reat dwar l-identità tal-persuna responsabbli f'konformità mal-Artikolu 4b;

(g) meta applikabbli, informazzjoni dettaljata dwar l-isem, l-indirizz u n-Numru Internazzjonali tal-Kont Bankarju (IBAN) tal-awtorità fejn jistgħu jitħallsu l-

penali finanzjarji imposti, dwar l-iskadenza għall-ħlas u dwar metodi alternattivi tal-ħlas, b'mod partikolari l-applikazzjonijiet speċifiċi tas-software, diment li dawk il-metodi jkunu aċċessibbli għall-persuni residenti u mhux residenti;

(h) informazzjoni dwar ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*, id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u d-disponibbiltà ta' aktar informazzjoni jew referenza għall-post fejn din l-informazzjoni tista' tinkiseb faċilment skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inkluż informazzjoni li minnha toriġina d-*data* personali, jew l-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(i) meta applikabbli, informazzjoni dettaljata dwar jekk u kif is-sanzjonijiet għar-reati elenkati fl-Artikolu 2(1) jistgħu jiġu mitigati, inkluż bi ħlas bikri tal-penali finanzjarja;

(j) meta applikabbli, indikazzjoni ċara li l-entità privata jew pubblika li tibgħatha hija entità ta' prokura bis-setgħa mill-Istat Membru tar-reat f'konformità mal-Artikolu 5b u delineazzjoni ċara bejn l-ammonti tal-flejjes mitluba, abbażi tal-bażi ġuridika tagħhom.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-persuna responsabbli tkun sewwieq mhux residenti li jkun ġie kkontrollat fuq il-post waqt kontroll tat-triq, l-ittra informattiva jkun fiha mill-inqas id-*data* elenkata fil-paragrafu 2, il-punti (c), (d), (e) u (g).

4. Meta jintalab mill-persuni preżunti responsabbli, l-Istat Membru tar-reat għandu jiżgura li jingħata aċċess għall-informazzjoni materjali kollha fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti għall-investigazzjoni ta' reat relatat mas-sikurezza fit-toroq elenkat fl-Artikolu 2(1).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bidu tal-limiti taż-żmien għall-persuni mhux residenti biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' appell jew biex jimmitigaw is-sanzjonijiet, f'konformità mal-paragrafu 2, il-punti (e) u (i), il-punti (e) u (i), ikunu jikkorrispondu għad-data tal-wasla tal-ittra informattiva."

(7) Jiddaħħlu l-Artikoli 5a u 5b li ġejjin:

*"Artikolu 5a*

**Notifika tal-ittra informattiva u tad-dokumenti ta' segwitu**

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-ittra informattiva u d-dokumenti ta' segwitu lill-persuni preżunti responsabbli b'konsenja reġistrata jew b'mezzi elettroniċi tal-istess valur skont il-Kapitolu III, it-Taqsima 7 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, jew fil-każ imsemmi fl-Artikolu 5(3) ta' dan ir-Regolament jagħtu l-ittra informattiva direttament lill-persuna preżunta responsabbli.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ittra informattiva tintbagħat fi żmien xahar mir-reġistrazzjoni ta' reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq elenkat fl-Artikolu 2(1), jew meta jkun jeħtieġ jintbagħtu aktar ittri informattivi matul l-investigazzjoni, 15-il jum mill-avveniment li jkun wassal biex jintbagħtu l-ittri informattivi sussegwenti meħtieġa.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe dokument ta' segwitu ieħor jintbagħat fi żmien 15-il jum mill-avveniment li jkun għamlu meħtieġ.

3. L-Istat Membru tar-reat jista' jibgħat l-ittra informattiva jew id-dokumenti ta' segwitu lill-persuni preżunti responsabbli tramite l-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew tal-Istat Membru tar-residenza, fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-indirizz tal-persuna li għaliha jkun maħsub id-dokument ma jkunx magħruf, ma jkunx komplut jew ikun inċert;

(b) ir-regoli proċedurali skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat ikunu jeħtieġu prova tan-notifika tad-dokument, apparti l-prova li tista' tinkiseb b'konsenja reġistrata jew b'mezzi elettroniċi ekwivalenti;

(c) id-dokument ma setax jiġi notifikat b'konsenja reġistrata jew b'mezzi elettroniċi ekwivalenti;

(d) l-Istat Membru tar-reat ikollu raġunijiet ġustifikati biex iqis li n-notifika tad-dokument b'konsenja reġistrata jew b'mezzi elettroniċi ekwivalenti f'dak il-każ partikolari tkun ineffettiva jew mhux xierqa.

4. It-talba biex tinbeda proċedura ta' assistenza reċiproka msemmija fil-paragrafu 3 tista' tinħareġ biss minn awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja, jew mill-awtorità kompetenti tal-pulizija fil-każ ikkonċernat, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat.

Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat għandu jibgħat l-ittra informattiva jew id-dokumenti ta' segwitu maħsuba biex jinnotifikaw lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew lill-Istat Membru tar-residenza, flimkien ma' talba strutturata elettronikament.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ittra informattiva u d-dokumenti ta' segwitu li jridu jinnotifikaw f'konformità mal-paragrafu 3 jiġu notifikati f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, jew meta debitament ġustifikat, b'metodu partikolari mitlub mill-Istat Membru tar-reat, meta dak il-metodu ma jkunx inkompatibbli mal-liġi nazzjonali tagħhom.

6. L-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew l-Istat Membru tar-residenza għandu jiżgura li l-punt ta' kuntatt nazzjonali tiegħu jfassal ċertifikat strutturat elettronikament u jibagħtu lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat fil-każijiet li ġejjin:

(a) mat-tlestija tal-formalitajiet li jikkonċernaw in-notifika tal-ittra informattiva jew tad-dokumenti ta' segwitu skont il-paragrafu 3,

(b) meta l-konsenja ma setgħetx issir.

Meta mitlub mill-Istat Membru tar-reat, maċ-ċertifikat għandha tinhemeż kopja tad-dokumenti notifikati.

7. It-talba msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiġi kkomunikata bil-lingwa jew b'waħda mil-lingwi tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew tal-Istat Membru tar-residenza notifikati lill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 8. Iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 6 għandu jiġi kkomunikat bil-lingwa tal-Istat Membru tar-reat notifikata lill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 8.

8. Meta l-Istat Membru tar-reat jiddeċiedi li jibda proċedimenti ta' segwitu fir-rigward tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2(1), dak l-Istat Membru għandu jibgħat l-ittra informattiva u d-dokumenti ta' segwitu bil-lingwa tad-dokument tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Meta l-lingwa tad-dokument tar-reġistrazzjoni tal-vettura ma tkunx disponibbli, jew meta jkun hemm dubji raġonevoli dwar jekk it-trażmissjoni tal-ittra informattiva jew tad-dokumenti ta' segwitu bil-lingwa tad-dokument tar-reġistrazzjoni tal-vettura tkunx konformi mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata, l-ittra informattiva u d-dokumenti ta' segwitu għandhom jintbagħtu bil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew tal-Istat Membru tar-residenza tal-persuna preżunta responsabbli.

Fil-każijiet koperti mit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, meta l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew fl-Istat Membru tar-residenza jkollhom diversi lingwi uffiċjali, l-ittri informattivi u d-dokumenti ta' segwitu għandhom jintbagħtu bil-lingwa/i uffiċjali tar-reġjun jew ta' subdiviżjoni ġeografika oħra fejn ikun jinsab l-indirizz tal-persuni preżunti responsabbli, jew b'lingwa oħra li dak l-Istat Membru jkun indika li jaċċetta.

Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni, li biha tkun tista' tintbagħat l-ittra informattiva, meta meħtieġ b'mod diżaggregat skont ir-reġjuni jew subdiviżjonijiet ġeografiċi oħra. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-lista tal-lingwi aċċettati disponibbli fuq il-portal online msemmi fl-Artikolu 8.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni preżunti responsabbli jitħallew jikkomunikaw mal-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-reat, sal-istadju tal-appell quddiem qorti, bi kwalunkwe lingwa kkomunikata mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew l-Istat Membru tar-residenza, jew mill-Istat Membru tar-reat lill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 8, jew, jekk il-persuna kkonċernata ma jkollhiex għarfien biżżejjed ta' dawk il-lingwi, b'lingwa tal-Unjoni li l-persuna titkellem jew tifhem.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwalità tat-traduzzjoni tal-ittra informattiva u tad-dokumenti ta' segwitu tkun mill-inqas tal-istandard stabbilit fl-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2010/64/UE.

11. L-Istat Membru tar-reat għandu jiżgura li l-ittra informattiva u d-dokumenti ta' segwitu notifikati lill-persuni preżunti responsabbli jkunu jistgħu jiġu rieżaminati b'mod effettiv u malajr minn qorti, tribunal jew istituzzjoni simili bis-setgħa li jadottaw deċiżjonijiet legalment vinkolanti, meta jintalbu minn persuna li jkollha interess ġuridiku vestit fl-eżitu tal-proċeduri mibdija skont l-Artikolu 5, għar-raġuni li dawk id-dokumenti ma jikkonformawx ma' dan l-Artikolu.

12. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-kontenut tal-formola elettronika għat-talba msemmija fil-paragrafu 4 u taċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 6, u l-funzjonalitajiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-applikazzjoni tas-software għall-iskambju tad-*data*, inkluż il-miżuri taċ-ċibersigurtà. L-ispeċifikazzjonijiet tas-software għandhom jipprevedu kemm modalità ta' skambju asinkroniku online u anki modalità ta' skambju asinkroniku ta' lottijiet. Id-*data* għandha tintbagħat b'teknoloġija tal-kriptaġġ mill-aktar avvanzata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10a(2).

*Artikolu 5b*

**Pretensjonijiet finanzjarji ta' entitajiet ġuridiċi mogħtija s-setgħa mill-Istati Membri**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jagħtu s-setgħa lil entità privata jew pubblika b'personalità ġuridika distinta biex tamministra l-proċedimenti ta' segwitu

jew parti minnhom mibdija skont l-Artikolu 5(1), inkluż l-infurzar tal-penali finanzjarji, il-persuni preżunti responsabbli ma jkunux soġġetti għal imposti minn dik l-entità relatati mal-ispejjeż legali u amministrattivi mġarrba mill-amministrazzjoni ta' dawk il-proċedimenti. Dan hu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtoritajiet tal-Istati Membri li jimponu tariffi amministrattivi proporzjonati.

________

* Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).";

(8) L-Artikoli 6, 7 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

**Rappurtar u monitoraġġ**

1. Mhux aktar tard mid-dati li ġejjin: is-6 ta' Mejju 2024, is-6 ta' Mejju 2026 (...), kull Stat Membru għandu jibgħat rapport komprensiv lill-Kummissjoni f'konformità mat-tieni u t-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Kull rapport komprensiv għandu jindika l-għadd ta' tfittxijiet awtomatizzati li jkunu għamlu l-Istat Membru tar-reat indirizzati lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, wara t-twettiq ta' reati fit-territorju tiegħu, flimkien mat-tip ta' reati li għalihom ikunu ġew indirizzati xi talbiet u l-għadd ta' talbiet li ma rnexxewx.

Kull rapport komprensiv għandu jinkludi wkoll deskrizzjoni tas-sitwazzjoni fil-livell nazzjonali b'rabta mas-segwitu mogħti lir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, abbażi tal-proporzjon ta' dawk ir-reati segwiti b'ittri informattivi.

2. Sa [*erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*], u mbagħad kull erba' snin, kull Stat Membru għandu jibgħat rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

3. Ir-rapport għandu jindika l-għadd ta' tfittxijiet awtomatizzati mwettqa mill-Istat Membru tar-reat f'konformità mal-Artikolu 4(1) u indirizzati lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, wara t-twettiq ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2(1) fit-territorju tiegħu, flimkien mat-tip ta' reati li għalihom ikunu ġew indirizzati xi talbiet u l-għadd strutturat ta' talbiet li ma rnexxewx skont it-tip ta' falliment. Din l-informazzjoni tista' tkun ibbażata fuq id-*data* mogħtija bil-Eucaris.

Ir-rapport għandu jinkludi wkoll deskrizzjoni tas-sitwazzjoni fil-livell nazzjonali b'rabta mas-segwitu mogħti lir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq. Id-deskrizzjoni għandha mill-inqas tispeċifika:

(a) it-total tar-reati tat-traffiku rreġistrati relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2(1), li ġew identifikati awtomatikament jew mingħajr l-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli fuq il-post;

(b) l-għadd ta' reati tat-traffiku reġistrati relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2(1), li twettqu b'vetturi rreġistrati fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru fejn ikun seħħ ir-reat u li ġew identifikati awtomatikament jew mingħajr l-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli fuq il-post;

(c) l-għadd ta' tagħmir tad-detezzjoni awtomatika fiss jew li jista' jitneħħa, inkluż il-kameras tal-veloċità;

(d) l-għadd ta' penali finanzjarji mħallsa volontarjament mill-persuni mhux residenti;

(e) l-għadd ta' talbiet għal assistenza reċiproka trażmessi elettronikament f'konformità mal-Artikolu 4a(3) u l-għadd ta' talbiet bħal dawn meta l-informazzjoni ma tkunx ingħatat;

(f) l-għadd ta' talbiet trażmessi elettronikament ta' assistenza reċiproka f'konformità mal-Artikolu 5a(4) u l-għadd ta' tali talbiet meta d-dokumenti ma setgħux jiġu notifikati.

4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rapporti mibgħuta mill-Istati Membri u tinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 10a dwar il-kontenut tagħhom fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi r-rapporti mingħand l-Istati Membri kollha.

*Artikolu 7*

**Obbligi addizzjonali**

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2016/679, id-Direttiva (UE) 2016/680 u d-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar l-inċidenti taċ-ċibersigurtà, notifikati skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2022/2555, meta l-inċidenti jkunu relatati ma' *data* maħżuna f'servizzi virtwali jew fiżiċi ta' clouds jew ta' hosting ta' clouds.

*Artikolu 8*

**Portal għall-iskambju transfruntier tal-informazzjoni dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq ("Portal CBE")**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tħaddem Portal CBE online disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni ddedikat għal:

(a) il-kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-utenti tat-toroq dwar ir-regoli fis-seħħ fl-Istati Membri fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, b'mod partikolari r-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, il-proċeduri tal-appell, is-sanzjonijiet applikati, u l-iskemi u l-mezzi disponibbli għall-ħlas tal-penali finanzjarji;

(b) l-iskambju tal-informazzjoni u interazzjonijiet oħra bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali u awtoritajiet rilevanti oħra tal-Istati Membri ma' xulxin u ma' utenti oħra tat-triq, b'mod partikolari billi jingħata aċċess għal applikazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri li jiffaċilitaw l-infurzar tas-sanzjonijiet, inkluż għall-ħlas tal-penali finanzjarji, meta applikabbli. Dan jista' jinkludi l-iskambju ta' *data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u ta' *data* dwar il-persuni preżunti responsabbli jew responsabbli għal reati relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2(1).

2. L-aċċess għall-Portal CBE għandu jingħata lill-punti ta' kuntatt nazzjonali u lil awtoritajiet rilevanti oħra li huma kompetenti fl-identifikazzjoni tal-persuni responsabbli u fl-infurzar transfruntier tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq fl-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jgħinu lill-utenti tat-triq fil-verifika tal-awtenticità tal-ittri informattivi u tad-dokumenti ta' segwitu. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jikkondividu bejniethom u mal-Kummissjoni permezz tal-Portal CBE, il-mudelli tal-ittri informattivi u tad-dokumenti ta' segwitu maħruġa mill-awtoritajiet tagħhom, li jintużaw fil-każijiet transfruntieri. L-Istati Membri għandhom ukoll jinfurmaw lil xulxin dwar l-awtoritajiet u l-entitajiet legali awtorizzati bid-dritt li joħorġu dawk l-ittri u d-dokumenti. Il-Kummissjoni għandha tkun il-kontrollur tal-Portal CBE, f'konformità mar-Regolament 2018/1725**.

4. Il-Portal CBE għandu jkun kompatibbli mal-interfaċċa stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** u ma' portali jew pjattaformi oħra b'għan simili, bħall-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni aġġornata lil xulxin u lill-Kummissjoni għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, u jinteraġixxu mal-utenti tat-toroq permezz tal-Portal CBE b'mod regolari.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż il-miżuri taċ-ċibersigurtà, meħtieġa għall-użu u l-manutenzjoni tal-Portal CBE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10a(2).

____

* Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

** Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

*** Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1)."

(9) Jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"*Artikolu 8a*

**Appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-attivitajiet tal-infurzar**

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju għal inizjattivi li jikkontribwixxu għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq fl-Unjoni, b'mod partikolari għall-iskambju tal-aqwa prattiki, l-applikazzjoni ta' metodoloġiji u tekniki tal-infurzar intelliġenti fl-Istati Membri, aktar tiswir tal-kapaċitajiet fl-awtoritajiet tal-infurzar, u kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar l-azzjonijiet tal-infurzar transfruntier."

(10) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

**Atti delegati**

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 biex temenda l-Anness biex taġġornah fid-dawl tal-progress tekniku jew, meta meħtieġ, b'atti legali tal-Unjoni direttament rilevanti għall-aġġornament tal-Anness."

(11) Jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

*"Artikolu 10a*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm bla riżultat meta, sal-iskadenza għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat jitolbu li jsir hekk.

Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

———

* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

(12) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

**Rappurtar mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri fi żmien 18-il xahar minn meta tirċievi r-rapporti msemmija fl-Artikolu 6(2) mingħand l-Istati Membri kollha."

(13) L-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Direttiva;

(14) l-Anness II jitħassar.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq.

### 1.2. Oqsma ta' politika kkonċernati

Trasport, sikurezza fit-toroq

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[73]

☒ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

Din l-inizjattiva għandha l-objettiv ġenerali li ttejjeb is-sikurezza fit-toroq b'infurzar transfruntier aktar effettiv tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq tal-UE.

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiċi*

L-objettivi speċifiċi tal-inizjattiva huma:

- Tiżdied il-konformità tas-sewwieqa mhux residenti ma' regoli addizzjonali tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq;

- Jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri fl-investigazzjoni transfruntiera tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq;

- Tiżdied il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-awturi tar-reati mhux residenti, inkluż l-allinjament ma' regoli ġodda tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

L-inizjattiva se tikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali li tiżdied is-sikurezza fit-toroq tal-UE b'infurzar aħjar tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq fil-każ tal-awturi tar-reati mhux residenti li ħafna drabi jaħarbu s-sanzjonijiet. Hu stmat li se tħalli impatt pożittiv qawwi kemm fejn jidħlu l-ħajjiet salvati u anke l-korrimenti evitati (li jiġu salvati 384 ħajja u jiġu evitati 21,405 korrimenti).

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta se jiġi estiż għal reati oħra tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, bħan-nuqqas taż-żamma ta' distanza biżżejjed minn mal-vettura ta' quddiem, il-qbiż perikoluż, l-ipparkjar perikoluż, il-qsim ta' linja bajda

[73] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

solida waħda jew aktar, is-sewqan fid-direzzjoni żbaljata, in-nuqqas ta' rispett tar-regoli dwar il-ħolqien u l-użu tal-kurituri ta' emerġenza, u s-sewqan ta' vettura mgħobbija żżejjed. Bl-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal dawn ir-reati, l-għadd ta' reati identifikati mistenni jiżdied bi 2% fl-2025 meta mqabbel max-xenarju bażi, u għalhekk tul il-perjodu kollu tal-valutazzjoni.

Illum, madwar 20% tal-investigazzjonijiet kollha b'rabta mar-reati mwettqa b'vetturi rreġistrati barra mill-pajjiż ma jwasslu imkien minħabba kwistjonijiet tekniċi, bħad-disponibbiltà ta' informazzjoni preċiża fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u l-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli. Il-proposta mistennija tirriżulta f'aktar investigazzjonijiet li jitwettqu b'suċċess. Tintroduċi miżuri ta' politika mmirati biex jitjiebu l-kontenut tar-reġistri tal-vetturi u l-iskambju eżistenti tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar. Minbarra dawn il-miżuri, tinkludi proċeduri mfassla apposta tal-investigazzjoni ta' segwitu abbażi ta' skambju elettroniku tal-informazzjoni speċifika bħal evidenza viżwali biex tiġi identifikata aħjar il-persuna responsabbli. Tippermetti wkoll l-applikazzjoni tad-dover tas-sid/detentur tal-vettura li jikkoopera mal-awtoritajiet tal-infurzar fl-identifikazzjoni tas-sewwieq/awtur reali tar-reat, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri.

Il-proposta tikkontribwixxi għal infurzar transfruntier imtejjeb tas-sanzjonijiet, għax il-miżuri mmirati biex jitjiebu l-investigazzjoni u l-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli se jħallu impatt pożittiv ukoll fuq l-għadd ta' reati investigati b'suċċess u b'hekk għat-trattament ugwali tas-sewwieqa b'rati akbar ta' infurzar.

Il-proposta tintroduċi miżuri biex tiżdied il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sewwieqa mhux residenti ħalli jkun żgurat li l-ittra informattiva jew id-dokumenti ta' segwitu maħruġa mill-awtoritajiet tal-infurzar dwar ir-reat ikun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-proċedimenti amministrattivi jew kriminali, jinkitbu b'lingwa li s-sewwieqa jifhmu, u l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti tkun tista' tiġi verifikata.

Fl-aħħar nett, il-proposta għandha l-għan li ttejjeb l-infurzar transfruntier tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq abbażi tal-intervent eżistenti. Dan ifisser li x-xenarju bażi diġà jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati. Il-miżuri inklużi fil-proposta huma prinċipalment tekniċi u jikkumplimentaw ir-regoli eżistenti, filwaqt li jaċċettaw li l-armonizzazzjoni tas-sistemi legali nazzjonali, inkluż proċeduri li jirfdu l-investigazzjoni transfruntiera tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u l-infurzar transfruntier tas-sanzjonijiet għal dawn ir-reati, li jistgħu jżidu b'mod konsiderevoli s-sehem tal-investigazzjonijiet ta' suċċess, mhix alternattiva fattibbli.

Bl-estensjoni prevista tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta u b'simplifikazzjoni tal-investigazzjonijiet transfruntieri tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, imfassla għad-detezzjoni tal-massa tar-reati li ħafna drabi jiġu kkwalifikati bħala amministrattivi, u diġitalizzati bil-ħolqien ta' portal u pjattaformi tal-IT speċifiċi, se jkunu jistgħu jiġu investigati kif xieraq aktar reati u b'hekk tonqos l-impunità tal-awturi tar-reati mhux residenti. Għaldaqstant, is-sewwieqa mhux residenti se jadattaw l-imġiba tagħhom fit-toroq. Dan mistenni jirriżulta f'inqas reati mwettqa b'vetturi rreġistrati barra mill-pajjiż meta mqabbel max-xenarju bażi.

### 1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Il-Kummissjoni se timmonitorja dawn l-indikaturi tal-prestazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-effettività tal-applikazzjoni tal-inizjattiva/intervent (l-Artikolu 6 tal-proposta):

- it-total ta' reati tat-traffiku rreġistrati relatati mas-sikurezza fit-toroq skont il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, li jiġu identifikati awtomatikament jew mingħajr l-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli fuq il-post;
- l-għadd ta' reati tat-traffiku rreġistrati relatati mas-sikurezza fit-toroq skont il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, li jitwettqu b'vetturi rreġistrati fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru fejn ikun seħħ ir-reat u li jiġu identifikati awtomatikament jew mingħajr l-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli fuq il-post;
- l-għadd ta' tagħmir tad-detezzjoni awtomatika fiss jew li jista' jitneħħa, bħall-kameras tal-veloċità;
- l-għadd ta' penali finanzjarji mħallsa volontarjament mill-persuni mhux residenti;
- l-għadd ta' talbiet trażmessi elettronikament skont il-proċedura tal-assistenza reċiproka (investigazzjoni ta' segwitu) u l-għadd ta' talbiet bħal dawn meta l-informazzjoni ma tkunx ingħatat;
- l-għadd ta' talbiet trażmessi elettronikament li jikkonċernaw in-notifika tad-dokumenti u l-għadd ta' talbiet bħal dawn meta d-dokumenti ma setgħux jiġu notifikati.

### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fl-immedjat u fit-tul, inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ma hemm l-ebda rekwiżit speċifiku li jrid jiġi ssodisfat fl-immedjat jew fit-tul. Madankollu, fl-immedjat, l-inizjattiva mistennija tnaqqas b'mod sinifikanti l-impunità tal-awturi tar-reati mhux residenti, filwaqt li tibni fuq id-Direttiva attwali li kkontribwiet b'mod notevoli għat-tneħħija tal-anonimità tagħhom. Aktar fit-tul, hu previst tnaqqis aktar viżibbli fl-inċidenti tat-toroq b'fatalitajiet u korrimenti serji, li jkunu jinvolvu sewwieqa mhux residenti.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jinkiseb minn fatturi differenti, eż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur miksub bl-intervent tal-Unjoni, li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinkiseb mill-Istati Membri waħedhom.*

Il-valur miżjud tal-inizjattiva hu simili għall-valur miżjud tal-UE tad-Direttiva attwali. Il-ftehimiet bilaterali u multilaterali eżistenti (bħall-Ftehim CBE tal-Forum ta' Salzburg) ma jkunux jistgħu jiksbu l-istess livell ta' effettività bħad-Direttiva, kemm biex tispiċċa l-impunità tal-awturi tar-reati mhux residenti u anki biex ikun żgurat it-trattament ugwali tal-utenti kollha tat-triq. L-evalwazzjoni tad-Direttiva wriet li jekk l-Istati Membri jridu jiksbu l-istess riżultati bil-konklużjoni tal-ftehimiet bilaterali, iridu jiffirmaw mijiet ta' ftehimiet bħal dawn; u b'hekk jiżdiedu l-kumplessità u l-inkonsistenzi possibbli, u sussegwentement joħolqu kostijiet sinifikanti għall-amministrazzjonijiet nazzjonali. Għalhekk, il-valur miżjud ta' azzjoni tal-UE jista' jidher ukoll mill-perspettiva tal-effiċjenza, meta wieħed iqis li qafas uniku jipprovdi aktar effiċjenza.

In-nuqqasijiet tad-Direttiva attwali, b'mod partikolari n-nuqqas ta' effettività tagħha, jistgħu jiġu indirizzati biss b'azzjoni fil-livell tal-UE. Strument tal-UE biss jista' jwassal għal infurzar transfruntier konsistenti u effiċjenti fl-UE kollha tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq.

1.5.3. *Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-evalwazzjoni tad-Direttiva attwali ħarġet fid-dieher li d-Direttiva ħalliet impatt pożittiv fuq it-tneħħija tal-anonimità tal-awturi tar-reati li jkunu wettqu xi reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq barra mill-pajjiż, għax maż-żmien ġie investigat għadd dejjem akbar ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq imwettqa minn persuni mhux residenti. Madankollu, il-miżuri tad-Direttiva attwali ma kinux adegwati biex titneħħa l-impunità tagħhom. Fl-2015, madwar 50% tar-reati tat-traffiku identifikati relatati mas-sikurezza fit-toroq imwettqa minn persuni mhux residenti ma ġewx investigati u madwar 50% tal-penali finanzjarji għal dawk ir-reati li kienu ġew investigati ma ġewx infurzati kif xieraq. Kważi r-reati kollha meta l-awturi tar-reati rrifjutaw li jħallsu l-penali finanzjarji ma ġewx infurzati, u l-penali infurzati kif xieraq kienu essenzjalment dovuti għall-pagamenti volontarji.

Id-diffikultajiet fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-investigazzjoni tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u l-infurzar tas-sanzjonijiet wara l-iskambju tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, speċjalment meta jiġu applikati reġimi ta' responsabbiltà legali differenti, huma l-ispjegazzjoni ewlenija għal dan. Iżda din il-kooperazzjoni jidher li kienet ta' suċċess bejn l-Istati Membri li kkonkludew ftehimiet bilaterali jew multilaterali li jikkumplimentaw il-liġi tal-UE.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva CBE hi konsistenti mal-leġiżlazzjoni l-oħra tal-UE dwar is-sikurezza fit-toroq. Din tirreferi għad-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni għall-vetturi fejn tidħol il-klassifikazzjoni tal-elementi tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi; testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CBE għar-reati tal-użu ta' vettura mgħobbija żżejjed, u b'hekk ikollha rabta mill-qrib mal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati tal-vetturi; tikkumplimenta d-Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan billi tippermetti l-użu tad-*data* personali fir-reġistri tal-liċenzji tas-sewqan għall-investigazzjonijiet transfruntieri tar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, tinforma lit-trasgressuri dwar sanzjonijiet applikati li jaffettwaw id-dritt tagħhom tas-sewqan u tidentifika l-persuna responsabbli għal reati relatati mas-sikurezza fit-toroq. Il-proposta hi konsistenti wkoll ma' sett usa' ta' strumenti legali eżistenti u inizjattivi attwali fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-ġustizzja, li jridu jitqiesu fir-rigward ta' din l-inizjattiva, fosthom il-proċeduri eżistenti tal-investigazzjonijiet transfruntieri skont il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, l-Ordni tal-Investigazzjoni Ewropea u d-Deċiżjonijiet ta' Prüm li bħalissa qed jiġu riveduti.

Biex ikun żgurat approċċ konsistenti fl-infurzar transfruntier tar-regoli tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, ġie stabbilit pakkett ta' negozjar, li fih tliet inizjattivi – apparti din il-proposta għal direttiva li temenda d-Direttiva CBE, fiha wkoll proposta għal Direttiva ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan (li tissostitwixxi d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan) u proposta għal Direttiva ġdida tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eżekuzzjoni tal-iskwalifiki tas-sewqan b'effett fl-Unjoni kollha.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-alternattivi differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għal riallokazzjoni*

Il-kostijiet tal-aġġustament ta' darba fl-2025 u kontinwi tal-Kummissjoni sal-2050 relatati l-aktar mal-istabbiliment tas-sistema tal-IT li tappoġġa l-interazzjonijiet bejn l-awtoritajiet/l-organizzazzjonijiet governattivi, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi fil-proċedimenti amministrattivi u kriminali transfruntieri. Il-funzjonalità tal-informazzjoni tal-portal tal-IT apposta se tibni fuq il-portal eżistenti ġestit mill-Kummissjoni (Going Abroad) u l-aġġornament ta' din is-sistema jippreżenta l-aħjar użu tal-organizzazzjoni attwali u r-riżorsi investiti s'issa. L-istabbiliment tas-sistema tal-IT ma jeħtieġx żieda fir-riżorsi umani.

## 1.6. Tul u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **tul limitat**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament.

☒ **tul mhux limitat**

– Implimentazzjoni b’perjodu inizjali mill-2025 sal-2027,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanati[74]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta’ implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lil pajjiżi terzi jew lill-korpi deżinjati minnhom;

– ☐ lil organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lil korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lil korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lil korpi regolati mil-liġi privata b’missjoni ta’ servizz pubbliku diment li dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lil korpi regolati mil-liġi privata ta’ Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta’ sħubija pubblika privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lil korpi jew persuni fdati bl-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta’ ġestjoni wieħed, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima “Kummenti”.*

Kummenti

| |
|---|
| L-implimentazzjoni tal-proposta teħtieġ l-istabbiliment u l-manutenzjoni ta’ sistema ġdida tal-IT. Din is-sistema jenħtieġ li tikkollega n-networks eżistenti tas-sistemi nazzjonali tal-IT u tal-punti tal-aċċess interoperabbli, li joperaw fir-responsabbiltà u l-ġestjoni individwali ta’ kull Stat Membru, biex tiżgura skambju transfruntier sigur u affidabbli tal-informazzjoni dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq. Il-Kummissjoni se tiddefinixxi soluzzjonijiet xierqa tal-IT f’atti ta’ implimentazzjoni, inkluż id-disinn/l-arkitettura u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal |

[74] Id-dettalji tal-metodi tal-implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx

portal diġitali apposta u sistemi elettroniċi (pjattaforma/i interfaċċa) li jinterkollegaw is-sistemi nazzjonali għall-iskambju tal-informazzjoni, u li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw. Il-kostijiet tal-aġġustament għall-Kummissjoni mistennija jkunu jinkludu tliet elementi ewlenin tal-kostijiet (ikkalkulati fil-valur nett attwali), kif ġej:

- il-kostijiet tal-aġġustament mhux rikorrenti (ta' darba) fl-2025 imġarrba għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-verifika tal-ittra informattiva u d-dokumenti ta' segwitu fuq il-portal tal-IT apposta, stmati għal EUR 405 000;

- fl-2025 huma previsti kostijiet tal-aġġustament mhux rikorrenti (ta' darba) ta' EUR 70 000 biex jiġi stabbilit il-portal tal-IT apposta;

- il-kostijiet tal-aġġustament kontinwi (l-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-appoġġ tal-portal tal-IT apposta) stmati għal madwar EUR 50 000 kull sena maħsuba għal skambju aktar interattiv tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri u ċ-ċittadini/utenti tat-toroq mhux biss dwar ir-regoli tat-traffiku applikabbli relatati mas-sikurezza fit-toroq li jkun hemm fis-seħħ (is-sit web eżistenti Going Abroad tal-Kummissjoni), iżda anki dwar l-iskemi tas-sanzjonijiet u l-proċeduri tal-appell applikabbli.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-kompiti implimentati direttament mid-DĠ MOVE se jimxu maċ-ċiklu annwali tal-ippjanar u l-monitoraġġ, kif implimentat fil-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi, inkluż ir-rapportar tar-riżultati permezz tar-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ MOVE.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni u l-effettività tal-applikazzjoni tal-inizjattiva/intervent permezz tar-rapportar tal-indikaturi speċifiċi (Artikolu 6 tal-proposta) li jinkludi pereżempju l-għadd ta' talbiet maħruġa/interni awtomatizzati li għamel l-Istat Membru fejn twettaq ir-reat u indirizzati lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, jew l-għadd ta' reati tat-traffiku rreġistrati relatati mas-sikurezza fit-toroq li ġew identifikati awtomatikament jew mingħajr l-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli fuq il-post u mwettqa b'vetturi reġistrati barra mill-pajjiż, jew fuq l-għadd ta' tagħmir tal-kontroll awtomatiku (eż. kameras tal-veloċità), jew fuq penali finanzjarji mħallsa volontarjament minn persuni mhux residenti.

Il-perjodu l-ġdid tar-rappurtar tal-Istati Membri hu estiż minn sentejn għal erba' snin biex jiġi allinjat mal-kalendarju tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u jonqos il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet nazzjonali. Il-pjattaforma/i tal-IT huma maħsuba biex jiffaċilitaw il-kompilazzjoni awtomatika tad-*data* skont karatteristiċi speċifiċi tar-rappurtar.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

L-unità fid-DĠ MOVE inkarigata mill-qasam ta' politika se tmexxi l-implimentazzjoni tad-Direttiva, b'kooperazzjoni ma' unitajiet u DĠs rilevanti oħra.

In-nefqa se tiġi implimentata b'ġestjoni diretta u b'applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju. L-istrateġija tal-kontroll għall-akkwisti u għall-għotjiet fid-DĠ MOVE tinkludi kontrolli legali, operazzjonali u finanzjarji *ex ante* speċifiċi rigward il-proċeduri (inkluż, għall-proċeduri tal-akkwist u meta xieraq, rieżami mill-kumitat konsultattiv għall-akkwist u l-kuntratti) u rigward l-iffirmar tal-kuntratti u l-ftehimiet. Barra minn hekk, in-nefqa li ssir għall-akkwist ta' oġġetti u servizzi hija soġġetta għal kontrolli *ex ante* u, meta meħtieġ, għal kontrolli *ex post* u finanzjarji.

#### *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Riskju żgħir ħafna. Il-portal tal-IT apposta se jibni fuq is-sit web eżistenti Going Abroad (https://ec.europa.eu/transport/road_safety/going_abroad/index_mt.htm) u se jiġi aġġornat biex isir aktar interattiv u jipprovdi funzjonalitajiet addizzjonali. Ir-riskji identifikati huma marbuta mal-użu tal-proċeduri tal-akkwist: id-dewmien, id-disponibbiltà tad-*data*, l-għoti tal-informazzjoni fil-ħin lis-suq, eċċ. Dawn ir-riskji huma koperti fil-qafas tar-Regolament Finanzjarju u huma mitigati bis-sett ta' kontrolli interni użati mid-DĠ MOVE għal akkwist ta' dan il-valur.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Iż-żieda baġitarja mitluba tapplika għall-istabbiliment u ż-żamma tas-sistema tal-IT. Fir-rigward tal-attivitajiet ta' kontroll relatati mas-sistemi tal-IT żviluppati jew ġestiti mid-direttorat responsabbli għall-proposta, il-kumitat tat-tmexxija tal-IT qed jimmonitorja regolarment il-bażijiet tad-*data* tad-direttorati u l-progress li jkun sar, filwaqt li jqis is-simplifikazzjoni u l-kosteffiċjenza tar-riżorsi tal-IT tal-Kummissjoni.

Id-DĠ MOVE jirrapporta kull sena, fir-Rapport Annwali tal-Attività tiegħu, dwar il-kost tal-kontroll tal-attivitajiet tiegħu. Il-profil tar-riskju u l-kost tal-kontrolli għall-attivitajiet tal-akkwist huma konformi mar-rekwiżiti.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Il-miżuri regolari ta' prevenzjoni u protezzjoni tal-Kummissjoni japplikaw, speċifikament:

- il-ħlasijiet għas-servizzi jiġu verifikati mill-persunal tal-Kummissjoni qabel ma jsiru, filwaqt li jitqiesu l-obbligi kuntrattwali, il-prinċipji ekonomiċi u l-prattika finanzjarja jew maniġerjali tajba. Id-dispożizzjonijiet kontra l-frodi (superviżjoni, rekwiżiti tar-rappurtar, eċċ.) se jiġu inklużi fil-ftehimiet u l-kuntratti kollha konklużi bejn il-Kummissjoni u r-riċevituri tal-pagamenti.

- biex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, għandhom jiġu applikati mingħajr restrizzjonijiet id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

Id-DĠ MOVE adotta Strateġija Kontra l-Frodi (AFS) riveduta fl-2020. L-AFS tad-DĠ MOVE hi bbażata fuq l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi u valutazzjoni speċifika tar-riskji mwettqa internament biex tidentifika l-aktar oqsma vulnerabbli għall-frodi, il-kontrolli diġà fis-seħħ u l-azzjonijiet meħtieġa biex tittejjeb il-kapaċità tad-DĠ MOVE li jipprevjeni, jidentifika u jikkoreġi l-frodi.

Id-dispożizzjonijiet kuntrattwali applikabbli għall-akkwist pubbliku jiżguraw li l-awditjar u l-kontrolli fuq il-post ikunu jistgħu jsiru mis-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, bid-dispożizzjonijiet standard rakkomandati mill-OLAF.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[75] | mill-pajjiżi tal-EFTA[76] | minn pajjiżi kandidati jew kandidati potenzjali[77] | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| 01 | 02 20 04 01 | Diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati jew kandidati potenzjali | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

75 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
76 EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
77 Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt: Mhi se tkun meħtieġa l-ebda approprjazzjoni addizzjonali. L-ammonti meħtieġa għall-finanzjament tal-proġett se jiġu riallokati mill-approprjazzjonijiet diġà programmati fil-programmazzjoni finanzjarja uffiċjali tal-partiti speċifiċi tal-baġit.

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 01 | Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali |
|---|---|---|

| DĠ MOVE | | | Sena **2025**[78] | Sena **2026** | Sena **2027** | Sena **2028** | Sena **2029+** | **TOTAL (2025-2050)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | |
| Linja baġitarja[79] 02 20 04 01 | Impenji | (1a) | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |
| | Pagamenti | (2a) | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | | |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[80] | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | | |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ MOVE** | Impenji | =1a+1b +3 | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |
| | Pagamenti | =2a+2b +3 | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |

78 Is-sena 2025 hija s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.
79 Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.
80 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali TOTALI | Impenji | (4) | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |
| | Pagamenti | (5) | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |
| • Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | 0.051 |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURA 1** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+6 | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |
| | Pagamenti | =5+6 | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |

**Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:**

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali TOTALI (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |
| | Pagamenti | (5) | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |
| Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | | | | | | |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI 1 sa 6** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+6 | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |
| | Pagamenti | =5+6 | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

Din it-taqsima trid timtela billi tintuża d-"*data* baġitarja ta' natura amministrattiva" li qabelxejn trid tiddaħħal fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni għall-implimentazzjoni tat-taqsima tal-Kummissjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea), imtella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029+ | TOTAL 2025-2050 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | |
| **TOTAL DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | |

| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena 2028 | Sena 2029+ | TOTAL 2025-2050 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI fl-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |
| | Pagamenti | 0.525 | 0.050 | 0.051 | 0.051 | 0.051 | **1.531** |

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[81] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[82]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

81 L-outputs huma prodotti u servizzi li jridu jiġu fornuti (eż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

82 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiċi…”

### 3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena N[83] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[84] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali tal-allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

83 Is-sena N hi s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Ibdel "N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

84 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time*

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full-Time: FTE)**[85] | | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz** [86] - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz** [86] - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | |

**XX** hu l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

85 AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

86 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata għalkollox b'riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

| |
|---|
| L-ammonti meħtieġa għall-finanzjament tal-proġett se jiġu riallokati mil-linja baġitarja 02.200401. |

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat fl-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw. |

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament mingħand partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament mingħand partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[87] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[87] Is-sena N hi s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Ibdel "N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[88] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati.

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

88 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20% għall-kostijiet tal-ġbir.